**Parlament Ewropew**
2019-2024

*Dokument ta' sessjoni*

**A9-0142/2024**

21.3.2024

# ***I
# RAPPORT

dwar il-proposta għal regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar il-produzzjoni u l-kummerċjalizzazzjoni tal-materjal riproduttiv tal-foresti, li jemenda r-Regolamenti (UE) 2016/2031 u 2017/625 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill u li jħassar id-Direttiva tal-Kunsill 1999/105/KE (ir-Regolament dwar il-materjal riproduttiv tal-foresti)
(COM(2023)0415 – C9-0237/2023 – 2023/0228(COD))

Kumitat għall-Agrikoltura u l-Iżvilupp Rurali

Rapporteur: Herbert Dorfmann

## *Tifsira tas-simboli użati*

| | |
|---|---|
| * | Proċedura ta' konsultazzjoni |
| *** | Proċedura ta' approvazzjoni |
| ***I | Proċedura leġiżlattiva ordinarja (l-ewwel qari) |
| ***II | Proċedura leġiżlattiva ordinarja (it-tieni qari) |
| ***III | Proċedura leġiżlattiva ordinarja (it-tielet qari) |

(It-tip ta' proċedura jiddependi mill-bażi ġuridika proposta mill-abbozz ta' att.)

## *Emendi għal abbozz ta' att*

**Emendi tal-Parlament f'żewġ kolonni**

It-tħassir huwa indikat permezz tat-tipa ***korsiva u grassa*** fil-kolonna tax-xellug. Is-sostituzzjoni hija indikata permezz tat-tipa ***korsiva u grassa*** fiż-żewġ kolonni. It-test ġdid huwa indikat permezz tat-tipa ***korsiva u grassa*** fil-kolonna tal-lemin.

L-ewwel u t-tieni linji tal-intestatura ta' kull emenda jidentifikaw il-parti tat-test ikkonċernata fl-abbozz ta' att inkwistjoni. Meta emenda tirrigwarda att eżistenti, li l-abbozz ta' att ikollu l-ħsieb li jemenda, l-intestatura jkun fiha wkoll it-tielet u r-raba' linji li jidentifikaw rispettivament l-att eżistenti u d-dispożizzjoni kkonċernata f'dak l-att.

**Emendi tal-Parlament li jieħdu l-forma ta' test konsolidat**

Il-partijiet ġodda tat-test huma indikati permezz tat-tipa ***korsiva u grassa.*** Il-partijiet imħassra tat-test huma indikati permezz tas-simbolu ▌ jew huma ingassati. Is-sostituzzjoni tintwera billi jiġi indikat permezz tat-tipa ***korsiva u grassa*** t-test il-ġdid u billi jitħassar jew jiġi ingassat it-test sostitwit.
Bħala eċċezzjoni, it-tibdil ta' natura strettament teknika magħmul mis-servizzi fil-preparazzjoni tat-test finali mhuwiex indikat.

## WERREJ

**Paġna**

ABBOZZ TA’ RIŻOLUZZJONI LEĠIŻLATTIVA TAL-PARLAMENT EWROPEW ..........5

NOTA SPJEGATTIVA ..........43

ANNESS: ENTITAJIET JEW PERSUNI LI R-RAPPORTEUR IRĊIEVA KONTRIBUT MINGĦANDHOM ..........44

OPINJONI TAL-KUMITAT GĦALL-AMBJENT, IS-SAĦĦA PUBBLIKA U S-SIKUREZZA TAL-IKEL ..........45

PROĊEDURA TAL-KUMITAT RESPONSABBLI ..........73

VOTAZZJONI FINALI B'SEJĦA TAL-ISMIJIET FIL-KUMITAT RESPONSABBLI..........74

## ABBOZZ TA' RIŻOLUZZJONI LEĠIŻLATTIVA TAL-PARLAMENT EWROPEW

**dwar il-proposta għal regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar il-produzzjoni u l-kummerċjalizzazzjoni tal-materjal riproduttiv tal-foresti, li jemenda r-Regolamenti (UE) 2016/2031 u 2017/625 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill u li jħassar id-Direttiva tal-Kunsill 1999/105/KE (ir-Regolament dwar il-materjal riproduttiv tal-foresti)**
**(COM(2023)0415 – C9-0237/2023 – 2023/0228(COD))**

**(Proċedura leġiżlattiva ordinarja: l-ewwel qari)**

*Il-Parlament Ewropew*,

– wara li kkunsidra l-proposta tal-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill (COM(2023)0415),

– wara li kkunsidra l-Artikolu 294(2) u l-Artikolu 43(2) tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, skont liema artikoli l-Kummissjoni ppreżentat il-proposta lill-Parlament (C9-0237/2023),

– wara li kkunsidra l-Artikolu 294(3) tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea.

– wara li kkunsidra l-opinjoni tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew tat-13 ta' Diċembru 2023[1],

– wara li kkunsidra l-Artikolu 59 tar-Regoli ta' Proċedura tiegħu,

– wara li kkunsidra l-opinjoni tal-Kumitat għall-Ambjent, is-Saħħa Pubblika u s-Sikurezza tal-Ikel,

– wara li kkunsidra r-rapport tal-Kumitat għall-Agrikoltura u l-Iżvilupp Rurali (A9-0142/2024),

1. Jadotta l-pożizzjoni fl-ewwel qari li tidher hawn taħt;

2. Jitlob lill-Kummissjoni terġa' tirreferi l-kwistjoni lill-Parlament jekk tibdel il-proposta tagħha, temendaha b'mod sustanzjali jew ikollha l-ħsieb li temendaha b'mod sustanzjali;

3. Jagħti istruzzjonijiet lill-President tiegħu biex tgħaddi l-pożizzjoni tiegħu lill-Kunsill u lill-Kummissjoni kif ukoll lill-parlamenti nazzjonali.

---

[1] ĠU C, C/2024/1583, 5.3.2024, ELI: https://eur-lex.europa.eu/legal-content/EN-MT/TXT/?uri=CELEX%3A52023AE3344&from=EN&locale=mt.

**Emenda 1**

**Proposta għal regolament**
**Premessa 2**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (2) Il-foresti jkopru madwar 45 % tal-erja tal-art tal-Unjoni u jaqdu rwol multifunzjonali li jkopri funzjonijiet soċjali, ekonomiċi, ambjentali, ekoloġiċi u kulturali. Il-foresti għandhom funzjoni premordjali bħala bir ta' karbonju fil-politika dwar il-mitigazzjoni tat-tibdil fil-klima. FRM ta' kwalità għolja, adattat għall-klima u ***divers*** huwa essenzjali sabiex ikopri dawn il-ħtiġijiet. | (2) Il-foresti jkopru madwar 45 % tal-erja tal-art tal-Unjoni u jaqdu rwol multifunzjonali li jkopri funzjonijiet soċjali, ekonomiċi, ambjentali, ekoloġiċi u kulturali. Il-foresti għandhom***, fost funzjonijiet oħra,*** funzjoni premordjali bħala bir ta' karbonju fil-politika dwar il-mitigazzjoni tat-tibdil fil-klima. FRM ta' kwalità għolja, adattat għall-klima u ***diversifikat*** huwa essenzjali sabiex ikopri dawn il-ħtiġijiet. |

**Emenda 2**

**Proposta għal regolament**
**Premessa 8**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (8) L-Istrateġija tal-UE għall-Bijodiversità għall-2030 għandha l-għan li tqiegħed il-bijodiversità tal-Unjoni fit-triq lejn l-irkupru sal-2030. Fil-qafas ta' dik l-istrateġija, il-leġiżlazzjoni tal-Unjoni għandha tagħmel enfasi fuq il-preservazzjoni tad-diversità tal-ispeċijiet u tiżgura diversità ġenetika għolja fi ħdan l-ispeċijiet u l-lottijiet taż-żrieragħ. Dan għandu l-għan li jiffaċilita l-provvista ta' FRM ta' kwalità għolja u ġenetikament ***divers*** li jkun adattat għall-kundizzjonijiet klimatiċi attwali u dawk imbassrin għall-ġejjieni. Il-konservazzjoni u t-titjib tal-bijodiversità tal-foresti, inkluża d-diversità ġenetika tas-siġar, huma essenzjali għall-ġestjoni sostenibbli tal-foresti u għas-sostenn tal-adattament tal-foresti għat-tibdil fil-klima. L-ispeċijiet tas-siġar u l-ibridi artifiċjali skont dan ir-Regolament jenħtieġ li jkunu ġenetikament adattati għall-kundizzjonijiet lokali u jkunu ta' | (8) L-Istrateġija tal-UE għall-Bijodiversità għall-2030 għandha l-għan li tqiegħed il-bijodiversità tal-Unjoni fit-triq lejn l-irkupru sal-2030. Fil-qafas ta' dik l-istrateġija, il-leġiżlazzjoni tal-Unjoni għandha tagħmel enfasi fuq il-preservazzjoni tad-diversità tal-ispeċijiet u tiżgura ***kwalità u*** diversità ġenetika għolja fi ħdan l-ispeċijiet u l-lottijiet taż-żrieragħ. Dan għandu l-għan li jiffaċilita l-provvista ta' FRM ta' kwalità għolja u ġenetikament ***diversifikat*** li jkun adattat għall-kundizzjonijiet klimatiċi attwali u dawk imbassrin għall-ġejjieni. Il-konservazzjoni u t-titjib tal-bijodiversità tal-foresti, inkluża d-diversità ġenetika tas-siġar, huma essenzjali għall-ġestjoni sostenibbli tal-foresti u għas-sostenn tal-adattament tal-foresti għat-tibdil fil-klima. L-ispeċijiet tas-siġar u l-ibridi artifiċjali skont dan ir-Regolament jenħtieġ li jkunu ġenetikament adattati għall-kundizzjonijiet lokali u jkunu |

| | |
|---|---|
| kwalità għolja. | ta’ kwalità għolja. |

**Emenda 3**

**Proposta għal regolament**
**Premessa 17a (ġdida)**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***(17a) Biex tinżamm il-kwalità taż-żrieragħ, il-pakketti jenħtieġ li jitfasslu b’mod li ma jkunux jistgħu jintużaw ladarba jinfetħu, u b’hekk jiġi żgurat li l-utenti jkunu konxji minn kwalunkwe tbagħbis taż-żrieragħ u jiġu mħeġġa jużaw il-kontenut kollu kif suppost, u b’hekk jiġi evitat li ż-żrieragħ jinħażnu b’mod skorrett jew jintużaw meta x’aktarx ma jkunx għadhom tajbin biex jintużaw.*** |

**Emenda 4**

**Proposta għal regolament**
**Premessa 19a (ġdida)**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***(19a) Kull Stat Membru jenħtieġ li jistabbilixxi u jaġġorna lista nazzjonali ta’ ċertifikati ewlenin maħruġa u jpoġġi dik il-lista għad-dispożizzjoni tal-Kummissjoni u tal-awtoritajiet nazzjonali kompetenti tal-Istati Membri l-oħra kollha.*** |

**Emenda 5**

**Proposta għal regolament**
**Premessa 22**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (22) Ir-rekwiżiti għall-materjal bażiku maħsub għall-iskop tal-konservazzjoni u tal-użu sostenibbli tar-riżorsi ġenetiċi tal- | (22) Ir-rekwiżiti għall-materjal bażiku maħsub għall-iskop tal-konservazzjoni u tal-użu sostenibbli tar-riżorsi ġenetiċi tal- |

| | |
|---|---|
| foresti huma differenti minn dawk għall-materjal bażiku maħsub għall-produzzjoni ta' FRM għal skopijiet kummerċjali, minħabba l-kriterji differenti tal-għażla applikati għal dawn iż-żewġ tipi ta' materjal bażiku. Għall-iskop tal-konservazzjoni u tal-użu sostenibbli tar-riżorsi ġenetiċi tal-foresti, jenħtieġ li ***jinżammu s-siġar kollha*** minn popolament ta' siġar fil-foresta. Dan huwa meħtieġ sabiex jgħin sabiex tiżdied id-diversità ġenetika fi ħdan speċi waħda ta' siġar. Min-naħa l-oħra, jenħtieġ li jintgħażlu biss siġar b'karatteristiċi superjuri fil-każ tal-materjal bażiku maħsub għall-produzzjoni tal-FRM għal skopijiet kummerċjali. Għalhekk, jenħtieġ li ***l-Istati Membri*** jitħallew jidderogaw mir-regoli applikabbli fir-rigward tal-approvazzjoni tal-materjal bażiku u jinnotifikaw dan il-materjal bażiku maħsub għall-iskop tal-konservazzjoni tar-riżorsi ġenetiċi tal-foresti ***lill-awtorità kompetenti***. | foresti huma differenti minn dawk għall-materjal bażiku maħsub għall-produzzjoni ta' FRM għal skopijiet kummerċjali, minħabba l-kriterji differenti tal-għażla applikati għal dawn iż-żewġ tipi ta' materjal bażiku. Għall-iskop tal-konservazzjoni u tal-użu sostenibbli tar-riżorsi ġenetiċi tal-foresti, jenħtieġ li ***jinżamm għadd massimu ta' siġar*** minn popolament ta' siġar fil-foresta. Dan huwa meħtieġ sabiex jgħin sabiex tiżdied id-diversità ġenetika fi ħdan speċi waħda ta' siġar. Min-naħa l-oħra, jenħtieġ li jintgħażlu biss siġar b'karatteristiċi superjuri fil-każ tal-materjal bażiku maħsub għall-produzzjoni tal-FRM għal skopijiet kummerċjali. Għalhekk, jenħtieġ li ***l-operaturi professjonisti*** jitħallew jidderogaw mir-regoli applikabbli fir-rigward tal-approvazzjoni tal-materjal bażiku u jinnotifikaw ***lill-awtorità kompetenti*** dan il-materjal bażiku maħsub għall-iskop tal-konservazzjoni tar-riżorsi ġenetiċi tal-foresti. |

**Emenda 6**

**Proposta għal regolament**
**Premessa 31**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (31) Jenħtieġ li l-operaturi professjonisti jiġu awtorizzati mill-awtorità kompetenti sabiex jistampaw it-tikketta uffiċjali taħt superviżjoni uffiċjali għal ċerti speċijiet u kategoriji ta' FRM***. Dan jagħti aktar flessibbiltà lill-operaturi professjonisti fir-rigward tal-kummerċjalizzazzjoni sussegwenti ta' dak l-FRM. Madankollu, l-operaturi professjonisti jistgħu jibdew jistampaw it-tikketta biss ladarba l-awtorità kompetenti tkun iċċertifikat l-FRM ikkonċernat.*** Dik l-awtorizzazzjoni hija meħtieġa minħabba l-karattru uffiċjali tat-tikketta uffiċjali u sabiex jiġu ggarantiti l-ogħla standards ta' kwalità possibbli għall-utenti tal-FRM. Jenħtieġ li jiġu | (31) Jenħtieġ li l-operaturi professjonisti jiġu awtorizzati mill-awtorità kompetenti sabiex ***joħorġu u*** jistampaw it-tikketta uffiċjali taħt superviżjoni uffiċjali għal ċerti speċijiet u kategoriji ta' FRM***, jekk ir-rekwiżiti kollha definiti mill-awtorità kompetenti jiġu ssodisfati***, ***u wara li awditu tal-awtorità kompetenti jiddetermina li għandhom il-kompetenza, l-infrastruttura u r-riżorsi meħtieġa***. Dik l-awtorizzazzjoni hija meħtieġa minħabba l-karattru uffiċjali tat-tikketta uffiċjali u sabiex jiġu ggarantiti l-ogħla standards ta' kwalità possibbli għall-utenti tal-FRM***. Dan jagħti aktar flessibbiltà lill-operaturi professjonisti fir-rigward tal-*** |

| | |
|---|---|
| stabbiliti regoli għall-irtirar jew għall-modifika ta' dik l-awtorizzazzjoni. | ***kummerċjalizzazzjoni sussegwenti ta' dak l-FRM***. Jenħtieġ li jiġu stabbiliti regoli għall-irtirar jew għall-modifika ta' dik l-awtorizzazzjoni. |

**Emenda 7**

**Proposta għal regolament**
**Premessa 34**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (34) Qabel ma jixtru l-FRM, jenħtieġ li l-operaturi professjonisti jagħmlu disponibbli għax-xerrejja potenzjali tal-FRM tagħhom l-informazzjoni meħtieġa kollha dwar l-adegwatezza tiegħu għall-kundizzjonijiet klimatiċi u ekoloġiċi rispettivi, sabiex ikunu jistgħu jagħżlu l-FRM l-aktar adattat ***għar-reġjun tagħhom***. | (34) Qabel ma jixtru l-FRM, jenħtieġ li l-operaturi professjonisti jagħmlu disponibbli ***għall-awtorità kompetenti u*** għax-xerrejja potenzjali tal-FRM tagħhom l-informazzjoni meħtieġa kollha dwar ***l-identità u*** l-adegwatezza tiegħu għall-kundizzjonijiet klimatiċi u ekoloġiċi rispettivi ***tal-FRM***, sabiex ikunu jistgħu jagħżlu l-FRM l-aktar adattat ***għal reġjun speċifiku***. |

**Emenda 8**

**Proposta għal regolament**
**Premessa 38**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (38) Jenħtieġ li kull Stat Membru jfassal u jżomm aġġornat pjan ta' kontinġenza sabiex jiżgura provvista suffiċjenti ta' FRM għar-riforestazzjoni ta' żoni affettwati minn avvenimenti tat-temp estrem, minn nirien mhux ikkontrollati, minn mard u minn tifqigħat ta' pesti, minn diżastri jew minn kwalunke avveniment ieħor. Jenħtieġ li jiġu stabbiliti regoli dwar il-kontenut ta' dak il-pjan, sabiex tiġi żgurata azzjoni proattiva u effettiva kontra tali riskji, jekk dawn jitfaċċaw. Jenħtieġ li l-Istati Membri jitħallew ***jadattaw il-kontenut*** ta' dak il-pjan ***għall-kundizzjonijiet*** klimatiċi u ekoloġiċi speċifiċi fit-territorji tagħhom. Dan ir- | (38) Jenħtieġ li kull Stat Membru jfassal u jżomm aġġornat pjan ta' kontinġenza sabiex jiżgura provvista suffiċjenti ta' FRM għar-riforestazzjoni ta' żoni affettwati minn avvenimenti tat-temp estrem, minn nirien mhux ikkontrollati, minn mard u minn tifqigħat ta' pesti, minn diżastri jew minn kwalunke avveniment ieħor. Jenħtieġ li jiġu stabbiliti regoli dwar il-kontenut ta' dak il-pjan, sabiex tiġi żgurata azzjoni ***fil-pront,*** proattiva u effettiva kontra tali riskji, jekk dawn jitfaċċaw. Jenħtieġ li l-Istati Membri jitħallew ***jiddefinixxu l-kontenut*** ta' dak il-pjan ***f'konformità mal-kundizzjonijiet*** klimatiċi u ekoloġiċi speċifiċi fit-territorji |

rekwiżit jirrifletti wkoll l-azzjonijiet ta' tħejjija ġenerali li l-Istati Membri jenħtieġ li jieħdu fuq bażi volontarja skont il-Mekkaniżmu tal-Unjoni għall-Protezzjoni Ċivili[31] .

[31] Id-Deċiżjoni Nru 1313/2013/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-17 ta' Diċembru 2013 dwar Mekkaniżmu tal-Unjoni għall-Protezzjoni Ċivili (ĠU L 347, 20.12.2013, p. 924).

tagħhom ***u jenħtieġ li jitħallew jadattaw tali kontenut fid-dawl ta' għarfien xjentifiku ġdid***. Dan ir-rekwiżit jirrifletti wkoll l-azzjonijiet ta' tħejjija ġenerali li l-Istati Membri jenħtieġ li jieħdu fuq bażi volontarja skont il-Mekkaniżmu tal-Unjoni għall-Protezzjoni Ċivili[31] . ***Jenħtieġ li l-Kummissjoni, fuq talba tal-Istat Membru kkonċernat, tappoġġja permezz ta' assistenza teknika t-tfassil tal-pjan u, fejn applikabbli, l-aġġornament tiegħu.***

[31] Id-Deċiżjoni Nru 1313/2013/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-17 ta' Diċembru 2013 dwar Mekkaniżmu tal-Unjoni għall-Protezzjoni Ċivili (ĠU L 347, 20.12.2013, p. 924).

**Emenda 9**

**Proposta għal regolament**
**Premessa 43**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (43) Jenħtieġ li l-FRM jiġi importat minn pajjiżi terzi biss jekk jiġi stabbilit li jissodisfa r-rekwiżiti ekwivalenti għal dawk applikabbli għall-FRM prodott u kkummerċjalizzat fl-Unjoni. Dan huwa meħtieġ sabiex jiġi żgurat li tali FRM importat jagħti l-istess livell ta' kwalità bħall-FRM prodott fl-Unjoni. | (43) Jenħtieġ li l-FRM jiġi importat minn pajjiżi terzi biss jekk jiġi stabbilit li jissodisfa r-rekwiżiti ekwivalenti għal dawk applikabbli għall-FRM prodott u kkummerċjalizzat fl-Unjoni. Dan huwa meħtieġ sabiex jiġi żgurat li tali FRM importat jagħti l-istess livell ta' kwalità bħall-FRM prodott fl-Unjoni. ***Dak l-approċċ se jiżgura li l-importazzjonijiet tal-FRM mhux biss jissodisfaw l-istandards tal-Unjoni iżda wkoll jikkontribwixxu għad-diversità ġenetika u għas-sostenibbiltà tal-pjanti.*** |

**Emenda 10**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 1 – paragrafu 1**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| Dan ir-Regolament jistabbilixxi r-regoli dwar il-produzzjoni u l-kummerċjalizzazzjoni tal-materjal riproduttiv tal-foresti (“FRM”) u b’mod partikolari r-rekwiżiti għall-approvazzjoni tal-materjal bażiku maħsub għall-produzzjoni tal-FRM, l-oriġini u t-traċċabilità ta’ dak il-materjal bażiku, il-kategoriji tal-FRM, ir-rekwiżiti għall-identità u għall-kwalità tal-FRM, iċ-ċertifikazzjoni, it-tikkettar, l-imballaġġ, l-importazzjonijiet, l-operaturi professjonisti, ir-reġistrazzjoni tal-materjal bażiku u l-pjanijiet nazzjonali ta’ kontinġenza. | Dan ir-Regolament jistabbilixxi r-regoli dwar il-produzzjoni u l-kummerċjalizzazzjoni tal-materjal riproduttiv tal-foresti (“FRM”) u b’mod partikolari r-rekwiżiti għall-approvazzjoni tal-materjal bażiku maħsub għall-produzzjoni tal-FRM, l-oriġini u t-traċċabilità ta’ dak il-materjal bażiku, il-kategoriji tal-FRM, ir-rekwiżiti għall-identità u għall-kwalità tal-FRM, iċ-ċertifikazzjoni, it-tikkettar, l-imballaġġ, l-importazzjonijiet, l-operaturi professjonisti, ir-reġistrazzjoni tal-materjal bażiku***, il-kontrolli uffiċjali*** u l-pjanijiet nazzjonali ta’ kontinġenza. |

**Emenda 11**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 2 – paragrafu 1**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 1. Dan ir-Regolament japplika għall-FRM tal-ispeċijiet tas-siġar u għall-ibridi artifiċjali ***tagħhom***, elenkati fl-Anness I. | 1. Dan ir-Regolament japplika għall-FRM tal-ispeċijiet tas-siġar u għall-ibridi artifiċjali, elenkati fl-Anness I***, bl-għan li jiġu kummerċjalizzati***. |

**Emenda 12**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 2 – paragrafu 2 – punt a**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (a) li jiżgura l-produzzjoni u l-kummerċjalizzazzjoni ta’ FRM ta’ kwalità għolja fl-Unjoni u l-funzjonament tas-suq intern tal-FRM; | (a) li jiżgura l-produzzjoni u l-kummerċjalizzazzjoni ta’ FRM ta’ kwalità għolja fl-Unjoni u l-funzjonament ***korrett*** tas-suq intern tal-FRM; |

**Emenda 13**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 2 – paragrafu 2 – punt b**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (b) li jgħin sabiex jinħolqu foresti reżiljenti, tiġi kkonservata l-bijodiversità u jiġu rrestawrati l-ekosistemi tal-foresti; | (b) li jgħin sabiex jinħolqu foresti reżiljenti ***u produttivi***, tiġi kkonservata l-bijodiversità***, jiġi prevenut l-użu ta' speċijiet invażivi*** u jiġu rrestawrati l-ekosistemi tal-foresti ***u l-funzjonament tagħhom, inter alia, billi tiġi promossa l-varjazzjoni ġenetika interspeċifika u intraspeċifika***; |

**Emenda 14**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 2 – paragrafu 3 – subparagrafu 1 – punt b**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (b) kwalunkwe żvilupp ta' għarfien tekniku jew xjentifiku. | (b) kwalunkwe żvilupp ***rilevanti*** ta' għarfien tekniku jew xjentifiku. |

**Emenda 15**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 3 – paragrafu 1 – punt 1 – parti introduttorja**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (1) "materjal riproduttiv tal-foresti" ("FRM") tfisser ***il-koni, l-infrutexxenzi***, ***il-frott*** u ***ż-żrieragħ maħsubin għall-produzzjoni ta' stokk*** għat-tħawwil**,** li jappartjenu għall-ispeċijiet tas-siġar u għall-ibridi ***artifiċjali*** tagħhom elenkati fl-Anness I ta' dan ir-Regolament u użati għat-tisġir, għar-riforestazzjoni u għal tħawwil ieħor tas-siġar għal kwalunkwe wieħed mill-iskopijiet li ġejjin: | (1) "materjal riproduttiv tal-foresti" ("FRM") tfisser ***l-unitajiet taż-żrieragħ***, ***il-partijiet tal-pjanti*** u ***l-istokkijiet*** għat-tħawwil li jappartjenu għall-ispeċijiet tas-siġar u għall-ibridi tagħhom elenkati fl-Anness I ta' dan ir-Regolament u użati għat-tisġir, għar-riforestazzjoni**,** u għal tħawwil ***u ż-żrigħ dirett*** ieħor tas-siġar għal kwalunkwe wieħed mill-iskopijiet li ġejjin: |

**Emenda 16**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 3 – paragrafu 1 – punt 1 – punt b**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (b) il-konservazzjoni tal-bijodiversità; | (b) il-konservazzjoni ***tar-riżorsi ġenetiċi tal-foresti u l-konservazzjoni u t-titjib*** tal-bijodiversità; |

**Emenda 17**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 3 – paragrafu 1 – punt 1 – punt c**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (c) ir-restawr tal-ekosistemi tal-foresti; | (c) ir-restawr tal-ekosistemi tal-foresti ***u art imsaġġra oħra, u l-appoġġ tal-funzjonament tagħhom***; |

**Emenda 18**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 3 – paragrafu 1 – punt 1 – punt ca (ġdid)**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***(ca) l-istabbiliment jew ir-restawr ta' sistemi agroforestali;*** |

**Emenda 19**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 3 – paragrafu 1 – punt 2**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (2) "tisġir" tfisser l-istabbiliment ta' foresta permezz tat-tħawwil u/jew taż-żrigħ deliberat fuq art li, sa dak iż-żmien, kienet taħt użu differenti tal-art li timplika trasformazzjoni tal-użu tal-art mhux forestali għal wieħed forestali[36]; | (2) "tisġir" tfisser l-istabbiliment ta' foresta permezz tat-tħawwil u/jew taż-żrigħ deliberat ***ta' speċijiet tas-siġar reġjonali adattati*** fuq art li, sa dak iż-żmien, kienet taħt użu differenti tal-art li timplika trasformazzjoni tal-użu tal-art mhux forestali għal wieħed forestali[36]; |

| | |
|---|---|
| [36] FAO (2020) Global Forest Resources Assessment Terms and definitions. https://www.fao.org/3/I8661EN/i8661en.pdf. | [36] FAO (2020) Global Forest Resources Assessment Terms and definitions. https://www.fao.org/3/I8661EN/i8661en.pdf. |

**Emenda 20**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 3 – paragrafu 1 – punt 3**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (3) "riforestazzjoni" hija l-istabbiliment mill-ġdid ta' foresta permezz tat-tħawwil u/jew iż-żrigħ deliberat fuq art ikklassifikata bħala foresta[37]; | (3) "riforestazzjoni" hija l-istabbiliment mill-ġdid ta' foresta permezz tat-tħawwil u/jew iż-żrigħ deliberat ***ta' speċijiet tas-siġar reġjonali adattati*** fuq art ikklassifikata bħala foresta[37]; |
| [37] FAO (2020) Global Forest Resources Assessment Terms and definitions. https://www.fao.org/3/I8661EN/i8661en.pdf. | [37] FAO (2020) Global Forest Resources Assessment Terms and definitions. https://www.fao.org/3/I8661EN/i8661en.pdf. |

**Emenda 21**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 3 – paragrafu 1 – punt 4**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (4) "unita taż-żrieragħ" tfisser il-koni, l-infruttexxenzi, il-frott u ż-żrieragħ intiżi għall-produzzjoni ta' stokk għat-tħawwil; | (4) "unita taż-żrieragħ" tfisser il-koni, l-infruttexxenzi, il-frott u ż-żrieragħ intiżi għall-produzzjoni ta' stokk għat-tħawwil ***jew għaż-żrigħ dirett***; |

**Emenda 22**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 3 – paragrafu 1 – punt 7**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (7) "produzzjoni" tfisser l-istadji kollha fil-ġenerazzjoni ***taż-żerriegħa u tal-pjanti***, | (7) "produzzjoni" tfisser l-istadji kollha fil-ġenerazzjoni ***ta' żrieragħ***, ***ta' partijiet*** |

| | |
|---|---|
| ***il-konverżjoni mill-unità taż-żrieragħ għaż-żerriegħa,*** u ***t-tkabbir tal-pjanti minn*** stokk għat-tħawwil, bil-ħsieb li ***l-FRM rispettiv*** jiġi kkummerċjalizzat; | ***minn pjanti*** u ***ta' pjanti kif ukoll l-istadji meħtieġa biex jinkiseb*** stokk ***adegwat*** għat-tħawwil, bil-ħsieb li jiġi kkummerċjalizzat; |

**Emenda 23**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 3 – paragrafu 1 – punt 8**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (8) "sors taż-żrieragħ" tfisser is-siġar f'żona minn fejn tinġabar ***iż-żerriegħa***; | (8) "sors taż-żrieragħ" tfisser is-siġar f'żona ***definita,*** minn fejn tinġabar ***unità taż-żrieragħ***; |

**Emenda 24**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 3 – paragrafu 1 – punt 15**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (15) "unità ta' approvazzjoni" tfisser iż-żona kollha tal-materjal bażiku għall-produzzjoni tal-FRM li tkun ġiet awtorizzata mill-awtoritajiet kompetenti; | (15) "unità ta' approvazzjoni" tfisser iż-żona ***jew l-individwi*** kollha tal-materjal bażiku għall-produzzjoni tal-FRM li tkun ġiet awtorizzata mill-awtoritajiet kompetenti; |

**Emenda 25**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 3 – paragrafu 1 – punt 16**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (16) "unità tan-notifika" tfisser iż-żona kollha tal-materjal bażiku għall-produzzjoni tal-FRM maħsub għall-iskop tal-konservazzjoni u tal-użu sostenibbli tar-riżorsi ġenetiċi tal-foresti li tkun ġiet innotifikata lill-awtoritajiet kompetenti; | (16) "unità tan-notifika" tfisser iż-żona kollha ***jew l-individwu/l-individwi*** tal-materjal bażiku għall-produzzjoni tal-FRM maħsub għall-iskop tal-konservazzjoni u tal-użu sostenibbli tar-riżorsi ġenetiċi tal-foresti li tkun ġiet innotifikata lill-awtoritajiet kompetenti; |

**Emenda 26**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 3 – paragrafu 1 – punt 17**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (17) "lott taż-żrieragħ" tfisser sett ***taż-żrieragħ miġburin*** minn materjal bażiku approvat u pproċessati b'mod uniformi; | (17) "lott taż-żrieragħ" tfisser sett ***ta' żrieragħ estratti u/jew imnaddfa*** minn materjal bażiku approvat u pproċessati b'mod uniformi; |

**Emenda 27**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 3 – paragrafu 1 – punt 18**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (18) "lott tal-pjanti" tfisser brokk ***tal-istokk tat-taħwil*** li jkun ***tkabbar*** minn lott taż-żrieragħ wieħed jew ***minn stokk għat-tħawwil propagat b'mod veġetattiv*** li ***jkun tkabbar*** f'żona ***delinjabbli*** u li ***jkun ġie pproċessat*** b'mod uniformi; | (18) "lott tal-pjanti" tfisser brokk ***ta' pjanti*** li jkun ***ġie prodott*** minn lott taż-żrieragħ wieħed jew ***brokk ta' pjanti propagati veġetattivament*** li ***jkunu ġew prodotti*** f'żona ***delineabbli*** u li ***jkunu ġew ipproċessati*** b'mod uniformi; |

**Emenda 28**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 3 – paragrafu 1 – punt 19**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (19) ***"numru*** tal-lott" tfisser ***in-numru*** ta' identifikazzjoni tal-lott taż-żrieragħ jew tal-lott tal-pjanti, kif xieraq; | (19) ***"kodiċi*** tal-lott" tfisser ***il-kodiċi*** ta' identifikazzjoni tal-lott taż-żrieragħ jew tal-lott tal-pjanti, kif xieraq; |

**Emenda 29**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 3 – paragrafu 1 – punt 30**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (30) "kummerċjalizzazzjoni" tfisser l-azzjonijiet li ġejjin imwettqin minn | (30) "kummerċjalizzazzjoni" tfisser l-azzjonijiet ***kummerċjali*** li ġejjin**,** |

| | |
|---|---|
| operatur ***professjonisti***: il-bejgħ, iż-żamma jew l-offerta għall-iskop ta' bejgħ jew ta' kwalunkwe mod ieħor ta' trasferiment, ta' distribuzzjoni jew ta' importazzjoni fl-Unjoni, kemm jekk mingħajr ħlas kif ukoll jekk bi ħlas, ta' FRM; | imwettqin minn operatur ***professjonist***: il-bejgħ, iż-żamma jew l-offerta għall-iskop ta' bejgħ jew ta' kwalunkwe mod ieħor ta' trasferiment, ta' distribuzzjoni***, inkluż id-dispaċċ, fi ħdan l-Unjoni*** jew ta' importazzjoni fl-Unjoni, kemm jekk mingħajr ħlas kif ukoll jekk bi ħlas, ta' FRM; |

**Emenda 30**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 3 – paragrafu 1 – punt 31 – parti introduttorja**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (31) "operatur ***professjonisti"*** tfisser kwalunkwe persuna fiżika jew ġuridika involuta professjonalment f'waħda jew aktar mill-attivitajiet li ġejjin: | (31) "operatur ***professjonist"*** tfisser kwalunkwe persuna fiżika jew ġuridika involuta professjonalment***, bl-awtorizzazzjoni tal-awtoritajiet kompetenti,*** f'waħda jew aktar mill-attivitajiet li ġejjin***, immirati lejn l-isfruttament kummerċjali tal-FRM***: |

**Emenda 31**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 3 – paragrafu 1 – punt 42**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (42) "żona ta' varar għall-ġardini ***taż-żrieragħ"*** tfisser iż-żona deżinjata mill-awtoritajiet kompetenti, li fiha l-FRM li jappartjeni għall-kategoriji ***kwalifikat*** u ***ttestjat*** jiġi adattat għall-kundizzjonijiet klimatiċi u ekoloġiċi ta' dik iż-żona, filwaqt li jitqies, kif xieraq, il-lok fejn jinsabu l-ġardini taż-żrieragħ u l-komponenti ***tiegħu***, ir-riżultati tan-nisel u ***l-provi*** tal-provenjenza, il-kundizzjonijiet ambjentali u t-tbassir dwar it-tibdil fil-klima fil-ġejjieni; | (42) "żona ta' varar għall-ġardini ***taż-żrieragħ u għall-ġenituri ta' familja/familji"*** tfisser iż-żona deżinjata mill-awtoritajiet kompetenti, li fiha l-FRM li jappartjeni għall-kategoriji ***kwalifikati*** u ***ttestjati*** jiġi adattat għall-kundizzjonijiet klimatiċi u ekoloġiċi ta' dik iż-żona, filwaqt li jitqies, kif xieraq, il-lok fejn jinsabu l-ġardini taż-żrieragħ***, il-ġenituri ta' familja/familji*** u l-komponenti ***tagħhom***, ir-riżultati ***ta' testijiet*** tan-nisel u tal-provenjenza, il-kundizzjonijiet ambjentali u t-tbassir dwar it-tibdil fil-klima fil-ġejjieni; |

**Emenda 32**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 3 – paragrafu 1 – punt 43**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (43) "żona ta' varar għall-kloni u għat-taħlitiet klonali" tfisser iż-żona deżinjata mill-awtoritajiet kompetenti, li fiha l-FRM li jappartjeni għall-kategoriji kwalifikat u ttestjat jiġi adattat għall-kundizzjonijiet klimatiċi u ekoloġiċi ta' dik iż-żona, filwaqt li jitqiesu, kif xieraq, l-oriġini jew il-provenjenza tal-klonu/i, ir-riżultati tan-nisel u ***l-provi tal-provenjenza***, il-kundizzjonijiet ambjentali u t-tbassir dwar it-tibdil fil-klima fil-ġejjieni; | (43) "żona ta' varar għall-kloni u għat-taħlitiet klonali" tfisser iż-żona deżinjata mill-awtoritajiet kompetenti, li fiha l-FRM li jappartjeni għall-kategoriji kwalifikat u ttestjat jiġi adattat għall-kundizzjonijiet klimatiċi u ekoloġiċi ta' dik iż-żona, filwaqt li jitqiesu, kif xieraq, l-oriġini jew il-provenjenza tal-klonu/i, ir-riżultati ***ta' testijiet*** tan-nisel***, tal-provenjenza*** u ***klonali***, il-kundizzjonijiet ambjentali u t-tbassir dwar it-tibdil fil-klima fil-ġejjieni; |

**Emenda 33**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 3 – paragrafu 1 – punt 45**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (45) "riġenerazzjoni naturali" tfisser it-tiġdid ***ta' foresta b'siġar li jiżviluppaw minn żrieragħ li waqgħu u ġġerminaw in situ*** | (45) "riġenerazzjoni naturali" tfisser it-tiġdid ***tal-foresta bi proċessi naturali permezz ta' żrigħ, tnibbit, żarġin jew tirqid naturali;*** |

**Emenda 34**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 3 – paragrafu 1 – punt 47**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (47) "prattikament ħieles ***mill-pesti" tfisser kompletament*** ħieles mill-pesti, jew sitwazzjoni ***li*** fejn il-preżenza ta' pesti ta' kwalità fl-FRM rispettiv tkun tant baxxa li dawk il-pesti ma jaffettwawx b'mod negattiv il-kwalità ta' dak l-FRM. | (47) "prattikament ħieles ***mill-pesti ta' kwalità" tfisser*** ħieles mill-pesti ***ta' kwalità***, jew sitwazzjoni fejn il-preżenza ta' pesti ta' kwalità fl-FRM rispettiv tkun tant baxxa li dawk il-pesti ma jaffettwawx b'mod negattiv il-kwalità ta' dak l-FRM. |

**Emenda 35**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 4 – paragrafu 2 – subparagrafu 8 – punt e**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| ***(e) FRM f'konformità mar-rekwiżiti tar-Regolament (UE) 2018/848 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill.*** | ***imħassar*** |

**Emenda 36**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 5 – paragrafu 1 – parti introduttorja**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 1. L-FRM derivat minn materjal bażiku approvat għandu jiġi kkummerċjalizzat f'konformità mar-regoli li ġejjin: | 1. L-FRM derivat minn materjal bażiku approvat għandu jiġi kkummerċjalizzat f'konformità mar-regoli li ġejjin ***minn operaturi professjonisti***: |

**Emenda 37**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt h – punt ii**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (ii) ir-rata tal-ġerminazzjoni taż-żerriegħa pura; | (ii) ir-rata tal-ġerminazzjoni taż-żerriegħa pura; ***jekk ikunu qed jitwettqu proċeduri ta' ttestjar, l-awtoritajiet kompetenti jistgħu jawtorizzaw il-kummerċjalizzazzjoni qabel ir-riżultati tat-testijiet; il-fornitur huwa obbligat jikkomunika r-riżultati tat-testijiet lix-xerrej hekk kif ikunu disponibbli;*** |

**Emenda 38**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 5 – paragrafu 1 – punt h – punt iv**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (iv) l-għadd taż-żrieragħ ġerminabbli għal kull kilogramma tal-prodott kummerċjalizzat bħala żerriegħa, jew, meta l-għadd taż-żrieragħ li jistgħu jiġġerminaw ma jkunx possibbli jew imprattikabbli li jiġi vvalutat, l-għadd taż-żrieragħ vijabbli għal kull kilogramma. | (iv) l-għadd taż-żrieragħ ġerminabbli għal kull kilogramma tal-prodott kummerċjalizzat bħala żerriegħa, jew, meta l-għadd taż-żrieragħ li jistgħu jiġġerminaw ma jkunx possibbli jew imprattikabbli li jiġi vvalutat, ***f'perjodu limitat ta' żmien,*** l-għadd taż-żrieragħ vijabbli għal kull kilogramma***, b'referenza għal metodu speċifiku***. |

**Emenda 39**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 6 – paragrafu 1 – punt b**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (b) l-FRM għandu jkun ta' oriġini li tkun adattata b'mod naturali għall-kundizzjonijiet lokali u reġjonali; kif ukoll | (b) l-FRM għandu jkun ta' oriġini li tkun adattata b'mod naturali għall-kundizzjonijiet lokali u reġjonali***, jew adattata għall-għan ta' migrazzjoni assistita meta rilevanti***; kif ukoll |

**Emenda 40**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 6 – paragrafu 1 – punt c**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (c) l-FRM għandu jinġabar ***mill-individwi kollha*** tal-materjal bażiku nnotifikat. | (c) l-FRM għandu jinġabar ***minn għadd massimu ta' individwi*** tal-materjal bażiku nnotifikat***, numeruż biżżejjed biex jippreserva d-diversità ġenetika tal-ispeċijiet***. |

**Emenda 41**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 7 – paragrafu 1 – subparagrafu 1**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| L-awtoritajiet kompetenti jistgħu jawtorizzaw temporanjament il-kummerċjalizzazzjoni tal-FRM derivat minn materjal bażiku approvat li ma jissodisfax ir-rekwiżiti kollha tal-kategorija xierqa msemmija fl-Artikolu 5(1), wara l-adozzjoni tal-att delegat imsemmi fil-paragrafu 2. | L-awtoritajiet kompetenti jistgħu jawtorizzaw temporanjament il-kummerċjalizzazzjoni tal-FRM derivat minn materjal bażiku approvat li ma jissodisfax ir-rekwiżiti kollha tal-kategorija xierqa msemmija fl-Artikolu 5(1), ***il-punti (a), (b) u (c),*** wara l-adozzjoni tal-att delegat imsemmi fil-paragrafu 2. |

**Emenda 42**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 7 – paragrafu 2 – subparagrafu 2 – punt b**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (b) ***id-durata massima*** tal-awtorizzazzjoni; | (b) ***il-limitu taż-żmien*** tal-awtorizzazzjoni; |

**Emenda 43**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 7 – paragrafu 2 – subparagrafu 2 – punt c**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (c) ***l-obbligi*** fir-rigward tal-kontrolli uffiċjali fuq l-operaturi professjonisti li japplikaw dik l-awtorizzazzjoni; | (c) ***ir-rekwiżiti minimi*** fir-rigward tal-kontrolli uffiċjali fuq l-operaturi professjonisti li japplikaw dik l-awtorizzazzjoni; |

**Emenda 44**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 9 – paragrafu 1 – subparagrafu 1**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| Kull Stat Membru għandu jfassal pjan ta' kontinġenza wieħed jew aktar sabiex jiżgura provvista suffiċjenti ta' FRM għar-riforestazzjoni ta' żoni affettwati minn | Kull Stat Membru għandu jfassal pjan ta' kontinġenza wieħed jew aktar sabiex jiżgura provvista suffiċjenti ta' FRM għar-riforestazzjoni ta' żoni affettwati minn |

| | |
|---|---|
| avvenimenti tat-temp estremi, minn nirien, minn tifqigħat ta' mard u ta' pesti, minn diżastri jew minn kwalunkwe avveniment ieħor, kif rilevanti u identifikati fil-valutazzjonijiet nazzjonali tar-riskju żviluppati f'konformità mal-Artikolu 6(1) tad-Deċiżjoni Nru 1313/2013/UE[39]. | avvenimenti tat-temp estremi, minn nirien, minn tifqigħat ta' mard u ta' pesti, minn diżastri jew minn kwalunkwe avveniment ieħor, kif rilevanti u identifikati fil-valutazzjonijiet nazzjonali tar-riskju żviluppati f'konformità mal-Artikolu 6(1) tad-Deċiżjoni Nru 1313/2013/UE[39]. ***Il-Kummissjoni għandha, fuq talba tal-Istat Membru, tagħmel disponibbli appoġġ tekniku għat-tfassil tal-pjan ta' kontinġenza.*** |
| [39] ĠU L 347, 20.12.2013, p. 924. | [39] ĠU L 347, 20.12.2013, p. 924. |

**Emenda 45**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 9 – paragrafu 1 – subparagrafu 2**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| Dak il-pjan ta' kontinġenza għandu jitħejja għal dawk l-ispeċijiet ta' siġar u għall-ibridi artifiċjali tagħhom elenkati fl-Anness I, li jitqiesu xierqa għall-kundizzjonijiet klimatiċi u ekoloġiċi attwali ***u*** dawk imbassrin għall-ġejjieni ***tal-Istat Membru kkonċernat***. | Dak il-pjan ta' kontinġenza għandu jitħejja għal dawk l-ispeċijiet ta' siġar u għall-ibridi artifiċjali tagħhom elenkati fl-Anness I, li jitqiesu xierqa ***mill-Istati Membri*** għall-kundizzjonijiet klimatiċi u ekoloġiċi ***tagħhom, kemm dawk*** attwali ***kif ukoll*** dawk imbassrin għall-ġejjieni. |

**Emenda 46**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 9 – paragrafu 1 – subparagrafu 3a (ġdid)**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***Il-pjan ta' kontinġenza għandu jqis l-emerġenza potenzjali ta' żoni affettwati lil hinn mill-fruntieri nazzjonali u l-Istat Membru kkonċernat għandu jaħdem ma' Stati Membri oħra biex jiżgura provvista preventiva suffiċjenti ta' FRM għaż-żoni transfruntiera affettwati.*** |

**Emenda 47**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 9 – paragrafu 3 – subparagrafu 1 – punt aa (ġdid)**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***(aa) l-identifikazzjoni tal-vulnerabbiltajiet u l-miżuri preventivi, bħal pereżempju li s-siti tal-ħżin taż-żrieragħ u l-imxietel ikunu aktar siguri, u li jiżdied l-għadd ta' siti tal-ħżin u ta' mxietel;*** |

**Emenda 48**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 9 – paragrafu 3 – subparagrafu 1 – punt h**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (h) il-prinċipji rigward it-taħriġ ta' persunal tal-awtoritajiet kompetenti u, ***kif*** xieraq, il-korpi, l-awtoritajiet pubbliċi, il-laboratorji, l-operaturi professjonisti u persuni oħrajn imsemmijin fil-punt (a). | (h) il-prinċipji rigward it-taħriġ ta' persunal tal-awtoritajiet kompetenti u, ***meta disponibbli u*** xieraq, il-korpi, l-awtoritajiet pubbliċi, il-laboratorji, l-operaturi professjonisti u persuni oħrajn imsemmijin fil-punt (a). |

**Emenda 49**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 9 – paragrafu 4 – subparagrafu 1 – parti introduttorja**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| L-Istati Membri għandhom jistabbilixxu reġistru nazzjonali li: | L-Istati Membri għandhom jistabbilixxu reġistru nazzjonali ***msemmi fl-Artikolu 12*** li: |

**Emenda 50**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 10 – paragrafu 1 – subparagrafu 2**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| Dawn għandhom ikunu stabbiliti ***fl-Unjoni***. | Dawn għandhom ikunu stabbiliti ***fl-Istat Membru kkonċernat u awtorizzati mill-awtorità kompetenti***. |

**Emenda 51**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 10 – paragrafu 2**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 2. L-operaturi professjonisti għandhom jagħmlu disponibbli għall-utenti tal-FRM tagħhom l-informazzjoni meħtieġa ***kollha*** dwar l-adegwatezza tiegħu għall-kundizzjonijiet klimatiċi u ekoloġiċi ***attwali*** u ***dawk imbassrin għall-ġejjieni. Qabel it-trasferiment tal-FRM ikkonċernat, dik l-informazzjoni għandha*** tiġi pprovduta lix-xerrej potenzjali permezz ta' siti web, gwidi għall-persuni li jħawlu u mezzi xierqa oħrajn. | 2. L-operaturi professjonisti għandhom jagħmlu disponibbli ***għall-awtorità kompetenti u*** għall-utenti tal-FRM tagħhom l-informazzjoni meħtieġa ***dwar l-identità tal-FRM kif ukoll informazzjoni*** dwar l-adegwatezza tiegħu għall-kundizzjonijiet klimatiċi u ekoloġiċi ***abbażi tal-għarfien u d-data disponibbli. Dik l-informazzjoni għandha, f'konformità mal-linji gwida tal-awtorità kompetenti,*** tiġi pprovduta lix-xerrej potenzjali permezz ta' siti web, gwidi għall-persuni li jħawlu u mezzi xierqa oħrajn ***qabel it-trasferiment tal-FRM ikkonċernat***. |

**Emenda 52**

**Proposta għal regolament**
**Article 12 – paragraph 3 – subparagraph 2 – point c**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (c) ***il-materjal*** bażiku; | (c) ***it-tip ta' materjal*** bażiku; |

**Emenda 53**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 12 – paragrafu 3 – subparagrafu 2 – punt j**

| Test propost mill-Kummissjoni | Emenda |
|---|---|
| (j) fil-każ tal-kategoriji ***kwalifikat*** u ***ttestjat***, l-informazzjoni dwar ***il-post tal-produzzjoni*** ta' klonu/***i*** jew ta' taħlita/***iet*** klonali, meta xieraq. | (j) fil-każ tal-kategoriji ***kwalifikati*** u ***ttestjati***, l-informazzjoni dwar ***iż-żona tal-ħsad użata għall-produzzjoni*** ta' klonu/***kloni*** jew ta' taħlita/***taħlitiet*** klonali, meta xieraq. |

**Emenda 54**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 12 – paragrafu 3 – subparagrafu 2 – punt ja (ġdid)**

| Test propost mill-Kummissjoni | Emenda |
|---|---|
| | ***(ja) kwalunkwe informazzjoni finanzjarja, jekk disponibbli).*** |

**Emenda 55**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 13 – paragrafu 2**

| Test propost mill-Kummissjoni | Emenda |
|---|---|
| 2. Dik il-lista għandha tirrifletti d-dettalji mogħtijin fil-listi nazzjonali msemmijin fl-Artikolu 12(1) ***u turi l-qasam tal-użu***. | 2. Dik il-lista għandha tirrifletti d-dettalji mogħtijin fil-listi nazzjonali msemmijin fl-Artikolu 12(1). |

**Emenda 56**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 13a (ġdid)**

| Test propost mill-Kummissjoni | Emenda |
|---|---|
| | ***Artikolu 13a***<br>***Produzzjoni minn materjal bażiku***<br>***1. It-traċċabbiltà għandha tiġi żgurata mill-ġbir tal-FRM sal-kummerċjalizzazzjoni lill-utent finali.***<br>***2. L-operaturi professjonisti*** |

| | |
|---|---|
| | ***għandhom jinnotifikaw lill-awtorità kompetenti bl-intenzjoni tagħhom li jaħsdu materjal riproduttiv tal-foresti qabel il-ħsad sabiex jippermettu lill-awtorità kompetenti torganizza l-kontrolli.*** |
| | ***3. L-operaturi professjonisti għandhom jissottomettu lill-awtorità kompetenti rekords li jiddokumentaw il-ħsad tal-FRM.*** |
| | ***4. It-tneħħija mill-post tal-ħsad hija permessa biss b'ċertifikat ewlieni.*** |
| | ***5. Fl-interess tal-ogħla diversità ġenetika possibbli fil-lott kollu taż-żerriegħa, min jaħsad iż-żerriegħa għandu jiżgura li l-lott taż-żrieragħ jitħallat b'mod intensiv waqt l-istadji kollha tal-ipproċessar qabel il-kummerċjalizzazzjoni jew iż-żrigħ.*** |

**Emenda 57**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 14 – paragrafu 1 – subparagrafu 2**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| Iċ-ċertifikat ewlieni għandu jafferma l-konformità mar-rekwiżiti tal-Artikolu 4(2). | Iċ-ċertifikat ewlieni għandu jafferma l-konformità mar-rekwiżiti tal-Artikolu 4(2) ***li l-FRM huwa derivat minn materjal bażiku approvat***. |

**Emenda 58**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 14 – paragrafu 1 – subparagrafu 3 – punt ca (ġdid)**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***(ca) Mudell taċ-ċertifikat ewlieni għal FRM li huwa derivat minn taħlita.*** |

**Emenda 59**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 14 - paragrafu 4a (ġdid)**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***4a. Fil-każ ta' taħlita, l-operatur professjonist għandu jħabbar it-taħlit lill-awtorità kompetenti minn qabel sabiex jippermetti lill-awtorità kompetenti tissorvelja l-proċess tat-taħlit.*** |

**Emenda 60**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 14 – paragrafu 6a (ġdid)**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***6a. Kull Stat Membru għandu jistabbilixxi u jaġġorna lista nazzjonali ta' ċertifikati ewlenin maħruġa u jagħmel dik il-lista disponibbli għall-Kummissjoni u għall-awtoritajiet kompetenti.*** |

**Emenda 61**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 15 – paragrafu 1 – subparagrafu 1**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| L-FRM, matul l-istadji kollha tal-produzzjoni, għandu jinżamm separat b'referenza għal unitajiet individwali tal-approvazzjoni tal-materjal bażiku sabiex tiġi żgurata t-traċċabilità tal-FRM għall-materjal bażiku approvat li minnu jkun inħasad. L-FRM għandu jinħasad minn dawk l-unitajiet individwali ta' approvazzjoni u jiġi kkummerċjalizzat f'lottijiet li għandhom ikunu omoġenji biżżejjed u identifikati bħala distinti minn lottijiet oħrajn ta' FRM. | L-FRM, matul l-istadji kollha tal-produzzjoni, għandu jinżamm separat b'referenza għal unitajiet individwali tal-approvazzjoni tal-materjal bażiku ***u ċ-ċertifikat ewlieni, meta jinħareġ,*** sabiex tiġi żgurata t-traċċabilità tal-FRM għall-materjal bażiku approvat li minnu jkun inħasad. L-FRM għandu jinħasad minn dawk l-unitajiet individwali ta' approvazzjoni u jiġi kkummerċjalizzat f'lottijiet li għandhom ikunu omoġenji biżżejjed u identifikati bħala distinti minn lottijiet oħrajn ta' FRM. |

**Emenda 62**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 15 – paragrafu 1 – subparagrafu 2 – punt a**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (a) ***in-numru*** tal-lott; | (a) ***il-kodiċi*** tal-lott; |

**Emenda 63**

**Proposta għal regolament**
**Artikoku 15 – paragrafu 1 – subparagrafu 2 – punt aa (ġdid)**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***(aa) skop;*** |

**Emenda 64**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 15 – paragrafu 1 – subparagrafu 2 – punt e**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (e) ***il-materjal*** bażiku; | (e) ***it-tip ta' materjal*** bażiku; |

**Emenda 65**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 15 – paragrafu 1 – subparagrafu 2 – punt i**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (i) fil-każ ta' unitajiet taż-żrieragħ, is-sena tal-maturazzjoni; | (i) fil-każ ta' unitajiet taż-żrieragħ, is-sena tal-maturazzjoni***, il-purità, il-perċentwal ta' ġerminazzjoni taż-żerriegħa pura, il-piż ta' 1000 żerriegħa pura, l-għadd ta' żrieragħ ġerminabbli għal kull kilogramma u l-isem tal-istazzjon tal-ittestjar taż-żrieriagħ***; |

**Emenda 66**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 16 – paragrafu 1**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 1. Għandha tinħareġ tikketta uffiċjali mill-awtorità kompetenti għal kull lott tal-FRM li jiċċertifika l-konformità ta' dak l-FRM ***mar-rekwiżiti msemmijin fl-Artikolu*** 5. | 1. Għandha tinħareġ tikketta uffiċjali mill-awtorità kompetenti ***jew mill-operatur professjonist taħt is-superviżjoni uffiċjali ta' awtorità kompetenti*** għal kull lott tal-FRM li jiċċertifika l-konformità ta' dak l-FRM ***mal-Artikolu*** 5. |

**Emenda 67**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 16 – paragrafu 1a (ġdid)**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***1a. It-tikketta uffiċjali għandha tkun stampata minn:*** |
| | ***(a) l-awtorità kompetenti, jekk tintalab tagħmel dan mill-operatur professjonist; jew*** |
| | ***(b) l-operatur professjonist, taħt is-superviżjoni uffiċjali tal-awtorità kompetenti.*** |

**Emenda 68**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 16 – paragrafu 2**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 2. ***L-awtoritajiet kompetenti għandhom jawtorizzaw lill-operatur professjonist sabiex jistampa t-tikketta uffiċjali wara li l-awtorità kompetenti tkun attestat il-konformità ta' dak l-FRM mar-rekwiżiti msemmijin fl-Artikolu 5.*** L-operatur professjonist huwa awtorizzat jistampa ***dik it-tikketta***, jekk, fuq il-bażi ta' awditu, l-awtorità kompetenti tkun | 2. L-operatur professjonist huwa awtorizzat ***joħroġ u/jew*** jistampa ***t-tikketta uffiċjali***, jekk, fuq il-bażi ta' awditu, l-awtorità kompetenti tkun ikkonkludiet li l-operatur ikollu ***l-kompetenza,*** l-infrastruttura u r-riżorsi ***biżżejjed*** sabiex jistampa t-tikketta uffiċjali. |

ikkonkludiet li l-operatur ikollu l-infrastruttura u r-riżorsi sabiex jistampa t-tikketta uffiċjali.

**Emenda 69**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 16 – paragrafu 4 – parti introduttorja**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 4. Minbarra l-informazzjoni meħtieġa skont l-Artikolu 15(1), it-tikketta uffiċjali għandu jkun fiha l-informazzjoni kollha li ġejja: | 4. Minbarra l-informazzjoni meħtieġa skont l-Artikolu 15(1), it-tikketta uffiċjali ***jew dokument ieħor mill-fornitur bl-informazzjoni meħtieġa skont dak l-Artikolu*** għandu jkun fiha l-informazzjoni kollha li ġejja: |

**Emenda 70**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 16 – paragrafu 4 – punt b**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (b) ***l-isem tal-operatur professjonist***; | (b) ***l-ismijiet tal-operaturi professjonisti fornituri, inkluż l-indirizz u n-numru ta' reġistrazzjoni tagħhom u l-ismijiet tar-riċevituri, inkluż l-indirizz tagħhom***; |

**Emenda 71**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 16 – paragrafu 4 – punt ea (ġdid)**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***(ea) kodiċi QR bl-istruzzjonijiet dwar kif wieħed għandu jieħu ħsieb, jaħżen u jħawwel l-FRM.*** |

**Emenda 72**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 16 – paragrafu 5 – subparagrafu 1 – punt c**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| ***(c) il-kulur tat-tikketta għal kategoriji speċifiċi jew għal tipi oħrajn ta' FRM;*** | ***imħassar*** |

**Emenda 73**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 16 – paragrafu 5a (ġdid)**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***5a. Jekk l-operatur professjonist juża tikketta jew dokument ikkuluriti fir-rigward ta' kwalunkwe kategorija tal-FRM, il-kulur tat-tikketta jew tad-dokument tal-fornitur għandu jikkorrispondi mal-kulur indikat fl-Anness VI.*** |

**Emenda 74**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 17 – paragrafu 1**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| L-unitajiet taż-żrieragħ jistgħu jiġu kkummerċjalizzati biss f'pakketti ssiġillati li ma ***jistax jibqgħu*** jintużaw ladarba jinfetaħ il-pakkett. | L-unitajiet taż-żrieragħ jistgħu jiġu kkummerċjalizzati biss f'pakketti ssiġillati li ma ***jibqgħux tajbin biex*** jintużaw ladarba jinfetaħ il-pakkett. ***Għall-prevenzjoni tat-taħsir tal-FRM, l-imballaġġ tal-pakkett issiġillat jista' jiġi adattat għall-ħtiġijiet tal-FRM rispettiv.*** |

**Emenda 75**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 18 – paragrafu 3 – subparagrafu 4 – parti introduttorja**

| Test propost mill-Kummissjoni | Emenda |
|---|---|
| Dik in-notifika għandha tinkludi l-informazzjoni ***li ġejja:*** | Dik in-notifika għandha tinkludi l-informazzjoni ***msemmija fl-Artikolu 12(3).*** |
| ***(a) l-isem botaniku;*** | |
| ***(b) il-kategorija;*** | |
| ***(c) il-materjal bażiku;*** | |
| ***(d) ir-referenza tar-reġistru jew, meta jkun xieraq, sommarju tiegħu, jew il-kodiċi ta' identità għar-reġjun ta' provenjenza;*** | |
| ***(e) il-lokalità: isem qasir, jekk ikun xieraq, u r-reġjun ta' provenjenza u l-medda tal-latitudni, tal-lonġitudni u tal-altitudni;*** | |
| ***(f) iż-żona: id-daqs tas-sors(i) taż-żrieragħ jew tal-popolament(i);*** | |
| ***(g) l-oriġini: indikazzjoni ta' jekk il-materjal bażiku jkunx awtoktonu/indiġenu, mhux awtoktonu/mhux indiġenu jew jekk l-oriġini tiegħu ma tkunx magħrufa. Għall-materjal bażiku mhux awtoktonu/mhux indiġenu, l-indikazzjoni tal-oriġini jekk tkun magħrufa;*** | |
| ***(h) l-iskop: il-konservazzjoni u l-użu sostenibbli tar-riżorsi ġenetiċi.*** | |

**Emenda 76**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 19 – paragrafu 2**

| Test propost mill-Kummissjoni | Emenda |
|---|---|
| Dik l-awtorizzazzjoni għandha ***tkun soġġetta għall-approvazzjoni mill-Kummissjoni***. | Dik l-awtorizzazzjoni għandha ***tiġi notifikata lill-Kummissjoni***. |

**Emenda 77**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 23 – paragrafu 1**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 1. B'deroga mill-Artikolu 4, il-Kummissjoni, permezz tal-atti ta' implimentazzjoni, tista' tawtorizza lill-Istati Membri jadottaw, fir-rigward tar-rekwiżiti għall-approvazzjoni tal-materjal bażiku u għall-produzzjoni tal-FRM rekwiżiti ta' produzzjoni aktar stretti minn dawk imsemmijin f'dak l-Artikolu, fit-territorju kollu tal-Istat Membru kkonċernat jew f'parti minnu. Dawk l-atti ta' implimentazzjoni għandhom jiġu adottati f'konformità mal-proċedura ta' eżami msemmija fl-Artikolu 27(2). | 1. B'deroga mill-Artikolu 4, il-Kummissjoni, permezz tal-atti ta' implimentazzjoni, tista' tawtorizza lill-Istati Membri jadottaw, fir-rigward tar-rekwiżiti għall-approvazzjoni tal-materjal bażiku u għall-produzzjoni tal-FRM rekwiżiti ta' produzzjoni aktar stretti minn dawk imsemmijin f'dak l-Artikolu, fit-territorju kollu tal-Istat Membru kkonċernat jew f'parti minnu***, dment li dawk ir-rekwiżiti ma jipprojbixxux, ma jimpedixxux u ma jirrestrinġux il-moviment liberu tal-FRM li jkun f'konformità ma' dan ir-Regolament***. Dawk l-atti ta' implimentazzjoni għandhom jiġu adottati f'konformità mal-proċedura ta' eżami msemmija fl-Artikolu 27(2). |

**Emenda 78**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 23 – paragrafu 3 – punt a – punt ii**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (ii) il-ħarsien tal-ambjent: l-adattament għat-tibdil fil-klima ***jew il-kontribut għall-ħarsien*** tal-bijodiversità, ***għar-restawr*** tal-ekosistemi tal-foresti; | (ii) il-ħarsien tal-ambjent: l-adattament għat-tibdil fil-klima***, it-tisħiħ*** tal-bijodiversità, ***jew ir-restawr*** tal-ekosistemi tal-foresti ***u l-appoġġ għall-funzjonament tagħhom***; |

**Emenda 79**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 24 – paragrafu 1**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 1. L-FRM jista' jiġi importat fl-Unjoni minn pajjiżi terzi biss jekk jiġi stabbilit, skont il-paragrafu 2, li jissodisfa r-rekwiżiti ekwivalenti għal dawk | 1. L-FRM jista' jiġi importat fl-Unjoni minn pajjiżi terzi biss jekk jiġi stabbilit, skont il-paragrafu 2, li jissodisfa r-rekwiżiti ekwivalenti għal dawk |

| | |
|---|---|
| applikabbli għall-FRM prodott u kkummerċjalizzat fl-Unjoni. | applikabbli għall-FRM prodott u kkummerċjalizzat fl-Unjoni. ***Il-proċess tal-valutazzjoni u tal-istabbiliment tal-ekwivalenza għandu jkun ibbażat fuq eżami dettaljat tal-istandards tal-identità u tal-kwalità u ta' rekwiżiti oħra applikabbli għall-FRM.*** |

**Emenda 80**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 25 – paragrafu 2 – punt ca (ġdid)**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***(ca) ċertifikat ewlieni ġdid maħruġ mill-awtorità kompetenti tal-Istat Membru tal-importazzjoni, li għandu jissostitwixxi ċ-ċertifikat ewlieni jew iċ-ċertifikat uffiċjali msemmi fil-punt (a) wara l-importazzjoni, jew ċertifikat li jattesta l-eżistenza ta' dan iċ-ċertifikat ġdid.*** |

**Emenda 81**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 26 – paragrafu 5**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 5. Hekk kif tadotta att delegat, il-Kummissjoni għandha tinnotifikah simultanjament lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill. | 5. Hekk kif tadotta att delegat, il-Kummissjoni għandha tinnotifikah simultanjament lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill. ***L-involviment ta' esperti maħtura mill-Istati Membri jfisser li tista' titressaq mal-mejda firxa wiesgħa ta' għarfien espert u perspettivi nazzjonali, u b'hekk tikkontribwixxi għal teħid ta' deċiżjonijiet infurmat u bbilanċjat fir-rigward tal-atti delegati.*** |

**Emenda 82**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 28 – paragrafu 1 – punt a**

| Test propost mill-Kummissjoni | Emenda |
|---|---|
| (a) il-kwantitajiet tal-FRM ***iċċertifikat fis-sena***; | (a) il-kwantitajiet tal-FRM ***fis-sena, fejn ikun inħareġ ċertifikat ewlieni***; |

**Emenda 83**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 28 – paragrafu 1 – punt b**

| Test propost mill-Kummissjoni | Emenda |
|---|---|
| (b) l-għadd tal-pjanijiet ta' kontinġenza nazzjonali adottati għat-tħejjija għad-diffikultajiet fil-provvista tal-FRM u ż-żmien ***meħtieġ*** għall-attivazzjoni ta' dawk il-pjanijiet ta' kontinġenza; | (b) l-għadd tal-pjanijiet ta' kontinġenza nazzjonali adottati ***mill-Istati Membri*** għat-tħejjija għad-diffikultajiet fil-provvista tal-FRM u ż-żmien ***u r-riżorsi meħtieġa*** għall-attivazzjoni ta' dawk il-pjanijiet ta' kontinġenza; |

**Emenda 84**

**Proposta għal regolament**
**Anness I – tabella 1**

| Test propost mill-Kummissjoni | Emenda |
|---|---|
| Abies alba Mill. | Abies alba Mill. |
| Abies cephalonica Loud. | Abies cephalonica Loud. |
| Abies grandis Lindl. | Abies grandis Lindl. |
| [...] | [...] |
| | ***Abies bornmulleriana*** |
| | ***Acer campestre*** |
| | ***Alnus cordata - Juglans regia*** |
| | ***Eucalyptus globulus*** |
| | ***Eucalyptus gunnii*** |
| | ***Eucalyptus hybride gunnii x dalrympleana*** |
| | ***Eucalyptus nitens*** |
| | ***Juglans major x regia*** |

| | |
|---|---|
| | ***Juglans nigra*** |
| | ***Juglans nigra x regia*** |
| | ***Malus sylvestris*** |
| | ***Pinus taeda*** |
| | ***Populus nigra*** |
| | ***Populus tremula*** |
| | ***Sorbus domestica*** |
| | ***Sorbus torminalis*** |
| [...] | [...] |
| Robinia pseudoacacia L. | Robinia pseudoacacia L. |
| Tilia cordata Mill. | Tilia cordata Mill. |
| Tilia platyphyllos Scop. | Tilia platyphyllos Scop. |

**Emenda 85**

**Proposta għal regolament**
**Anness II – Parti B – punt 2 – paragrafu 1**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| Is-sors taż-żerriegħa jew il-popolament għandu jikkonsisti minn grupp wieħed ta' siġar jew aktar. Dawk is-siġar għandhom ikunu mifruxin sew u numerużi biżżejjed biex tinżamm id-diversità ġenetika u biex jiġi żgurat dakkir inkroċjat adegwat bejn is-siġar f'dawk is-sorsi taż-żerriegħa jew il-popolamenti. | Is-sors taż-żerriegħa jew il-popolament għandu jikkonsisti minn grupp wieħed ta' siġar jew aktar ***(popolamenti) jew popolament individwali***. Dawk is-siġar ***tas-sors taż-żerriegħa jew popolament*** għandhom ikunu mifruxin sew u numerużi biżżejjed biex tinżamm id-diversità ġenetika u biex jiġi żgurat dakkir inkroċjat adegwat bejn is-siġar f'dawk is-sorsi taż-żerriegħa jew il-popolamenti. |

**Emenda 86**

**Proposta għal regolament**
**Anness II – Parti B – punt 4 – punt a**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (a) Is-siġar għandhom ikunu adattati sew għall-kundizzjonijiet klimatiċi u ekoloġiċi inklużi għall-fatturi bijotiċi u | (a) Is-siġar għandhom ikunu adattati sew għall-kundizzjonijiet klimatiċi u ekoloġiċi inklużi għall-fatturi bijotiċi u |

| | |
|---|---|
| abijotiċi prevalenti fir-reġjun ta' provenjenza. | abijotiċi prevalenti fir-reġjun ta' provenjenza ***u anke popolazzjonijiet marġinali li juru adattament lokali għal fatturi bijotiċi u abijotiċi aktar estremi***. |

**Emenda 87**

**Proposta għal regolament**
**Anness II – Parti B – punt 4 – punt b**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (b) Is-siġar għandhom ikunu prattikament ħielsa mill-pesti u mis-sintomi tagħhom. | (b) Is-siġar għandhom ikunu prattikament ħielsa mill-pesti ***ta' kwalità*** u mis-sintomi tagħhom. |

**Emenda 88**

**Proposta għal regolament**
**Anness III – Parti B – punt 2**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 2. Iżolament: Il-popolamenti għandhom ikunu jinsabu f'distanza suffiċjenti minn popolamenti ta' kwalità baxxa tal-istess speċi jew minn popolamenti ta' speċi relatata li tista' tifforma l-ispeċijiet ibridi bl-ispeċi inkwistjoni. Għandha tingħata attenzjoni partikolari lil dan ir-rekwiżit meta l-popolamenti madwar popolamenti awtoktoni/indiġeni jkunu mhux awtoktoni/mhux indiġeni jew ta' oriġini mhux magħrufa. | 2. Iżolament: Il-popolamenti għandhom ikunu jinsabu f'distanza suffiċjenti minn popolamenti ta' kwalità baxxa tal-istess speċi jew ***speċi relatata jew*** minn popolamenti ta' speċi relatata li tista' tifforma l-ispeċijiet ibridi bl-ispeċi inkwistjoni. Għandha tingħata attenzjoni partikolari lil dan ir-rekwiżit meta l-popolamenti madwar popolamenti awtoktoni/indiġeni jkunu mhux awtoktoni/mhux indiġeni jew ta' oriġini mhux magħrufa. |

**Emenda 89**

**Proposta għal regolament**
**Anness III – Parti B – punt 6 – punt b**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (b) Is-siġar għandhom ikunu prattikament ħielsa mill-pesti u mis- | (b) Is-siġar għandhom ikunu prattikament ħielsa mill-pesti ***ta' kwalità*** u |

| | |
|---|---|
| sintomi tagħhom u juru reżistenza għall-kundizzjonijiet avversi ***tas-sit*** fil-post fejn ikunu qegħdin jikbru. | mis-sintomi tagħhom u juru reżistenza għall-kundizzjonijiet avversi ***klimatiċi u speċifiċi għas-sit*** fil-post fejn ikunu qegħdin jikbru. |

**Emenda 90**

**Proposta għal regolament**
**Anness IV – punt 1 – punt b**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (b) ***L-operatur professjonali għandu jagħżel kloni*** jew familji komponenti għall-karatteristiċi eċċellenti tagħhom u għandu ***jagħti*** l-piż xieraq lir-rekwiżiti stabbiliti fil-punti 4 u 6 sa 9 tat-Taqsima B tal-Anness III, filwaqt li ***jqis*** l-iskop speċifiku li għalih se jintuża l-FRM li jirriżulta. | (b) ***Il-kloni*** jew familji komponenti ***għandhom jintgħażlu*** għall-karatteristiċi eċċellenti tagħhom u għandu ***jingħata*** l-piż xieraq lir-rekwiżiti stabbiliti fil-punti 4 u 6 sa 9 tat-Taqsima B tal-Anness III, filwaqt li ***jitqies*** l-iskop speċifiku li għalih se jintuża l-FRM li jirriżulta. |

**Emenda 91**

**Proposta għal regolament**
**Anness IV – punt 1 – punt e**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (e) ***L-operatur professjonali għandu jamministra l-ġardini taż-żrieragħ*** u ***jaħsad iż-żerriegħa*** b'tali mod li jintlaħqu l-objettivi tal-ġardini. Fil-każ ta' ġardina taż-żrieragħ maħsuba għall-produzzjoni ta' speċi ibrida artifiċjali, il-perċentwal ta' speċijiet ibridi fl-FRM għandu jiġi ddeterminat minn test ta' verifika. | (e) ***Il-ġardini taż-żrieragħ għandhom jiġu ġestiti*** u ***ż-żerriegħa għandha tinħasad*** b'tali mod li jintlaħqu l-objettivi tal-ġardini. Fil-każ ta' ġardina taż-żrieragħ maħsuba għall-produzzjoni ta' speċi ibrida artifiċjali, il-perċentwal ta' speċijiet ibridi fl-FRM għandu jiġi ddeterminat minn test ta' verifika. |

**Emenda 92**

**Proposta għal regolament**
**Anness IV – punt 2 – punt a**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (a) ***L-operatur professjonali għandu*** | (a) ***Il-ġenituri għandhom jintgħażlu*** |

| | |
|---|---|
| ***jagħżel il-ġenituri*** għall-karatteristiċi eċċellenti tagħhom jew għall-kapaċità ta' kombinament tagħhom. Fil-każ ta' għażla bbażata fuq karatteristiċi eċċellenti, għandu jingħata piż xieraq lir-rekwiżiti stabbiliti fil-punti 4 u 6 sa 9 tat-Taqsima B tal-Anness III, filwaqt li jitqies l-iskop speċifiku li għalih se jintuża l-FRM li jirriżulta. | għall-karatteristiċi eċċellenti tagħhom jew għall-kapaċità ta' kombinament tagħhom. Fil-każ ta' għażla bbażata fuq karatteristiċi eċċellenti, għandu jingħata piż xieraq lir-rekwiżiti stabbiliti fil-punti 4 u 6 sa 9 tat-Taqsima B tal-Anness III, filwaqt li jitqies l-iskop speċifiku li għalih se jintuża l-FRM li jirriżulta. |

**Emenda 93**

**Proposta għal regolament**
**Anness V – punt 1 – punt a – paragrafu 2**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| L-operaturi ***professjonali*** għandhom ***iħejju***, ***jistabbilixxu*** u ***jwettqu testijiet stabbiliti*** għall-approvazzjoni tal-materjal bażiku. ***Huma għandhom jinterpretaw*** ir-riżultati ***ta' dawk it-testijiet f'konformità*** mal-proċeduri rikonoxxuti internazzjonalment. ***Għat-testijiet*** komparattivi, ***l-operatur professjonali*** għandu ***jqabbel l-FRM li jkun qiegħed jiġi ttestjat ma'*** standard approvat wieħed jew preferibbilment ***ma'*** diversi standards approvati jew magħżula minn qabel kif deskritt fil-punt 3(b). | L-operaturi ***professjonisti*** għandhom ***jirrapportaw il-materjal***, ***il-metodi*** u ***r-riżultati tat-testijiet lill-awtorità kompetenti responsabbli*** għall-approvazzjoni tal-materjal bażiku. Ir-riżultati ***ppreżentati għandhom jiġu analizzati f'konformità*** mal-proċeduri rikonoxxuti internazzjonalment. ***F'testijiet*** komparattivi, għandu ***jintuża*** standard approvat wieħed jew preferibbilment diversi standards approvati jew magħżula minn qabel kif deskritt fil-punt 3(b). |

**Emenda 94**

**Proposta għal regolament**
**Anness V – punt 1 – punt aa (ġdid)**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***(aa) Għandu jiġi ssodisfat għadd minimu ta' żoni ta' testijiet ta' daqs minimu għal kull speċi ta' siġra elenkat fl-Anness I.*** |

**Emenda 95**

**Proposta għal regolament**
**Anness V – punt 1 – punt b – punt i**

| Test propost mill-Kummissjoni | Emenda |
|---|---|
| (i) ***L-operatur professjonali għandu jfassal testijiet*** biex ***jivvaluta l-karatteristiċi*** rilevanti speċifikati fil-punt (ii) u ***għandu jindikahom*** għal kull test fir-rekords tat-test. | (i) ***It-testijiet għandhom jiġu mfassla*** biex ***jivvalutaw il-karatteristiċi*** rilevanti speċifikati fil-punt (ii) u**,** għal kull test fir-rekords tat-test***, dawn għandhom jiġu indikati***. |

**Emenda 96**

**Proposta għal regolament**
**Anness V – punt 1 – punt c - paragrafu 1**

| Test propost mill-Kummissjoni | Emenda |
|---|---|
| L-operatur ***professjonali*** għandu ***jżomm rekords li jiddeskrivu s-siti tat-test***, inklużi l-lokalità, il-klima, il-ħamrija, l-użu fil-passat, l-istabbiliment, il-ġestjoni u kwalunkwe ħsara minħabba fatturi abijotiċi/bijotiċi. ***Huwa*** għandu jagħmel dawk ir-rekords disponibbli għall-awtorità kompetenti ***fuq talba***. L-awtorità kompetenti għandha tirreġistra kemm għandu żmien il-materjal bażiku u tal-FRM u r-riżultati fiż-żmien tal-evalwazzjoni. | L-operatur ***professjonist*** għandu ***jipprovdi l-informazzjoni kollha meħtieġa għall-evalwazzjoni tar-riżultati tat-testijiet***, inklużi l-lokalità, il-klima, il-ħamrija, l-użu fil-passat, l-istabbiliment, il-ġestjoni u kwalunkwe ħsara minħabba fatturi abijotiċi/bijotiċi. ***L-operatur professjonist*** għandu jagħmel dawk ir-rekords disponibbli għall-awtorità kompetenti. L-awtorità kompetenti għandha tirreġistra kemm għandu żmien il-materjal bażiku u tal-FRM u r-riżultati fiż-żmien tal-evalwazzjoni. |

**Emenda 97**

**Proposta għal regolament**
**Anness V – punt 1 – punt d – punt i**

| Test propost mill-Kummissjoni | Emenda |
|---|---|
| (i) ***L-operatur professjonali*** għandu ***jgħolli***, ***jippjana*** u ***jimmaniġġa kull kampjun tal-FRM*** b'mod identiku ***sakemm*** jippermettu t-tipi ta' ***permessi għall-materjal*** tal-pjanti. | (i) ***Kull kampjun tal-FRM*** għandu ***jitkabbar***, ***jitħawwel*** u ***jiġi ġestit*** b'mod identiku ***safejn*** jippermettu t-tipi ta' ***materjal*** tal-pjanti. |

**Emenda 98**

**Proposta għal regolament**
**Anness V – punt 1 – punt d – punt ii**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (ii) ***L-operatur professjonali*** għandu ***jistabbilixxi kull esperiment*** f'disinn statistiku validu ***b'għadd suffiċjenti ta' siġar***, sabiex ikunu jistgħu jiġu evalwati l-karatteristiċi individwali ta' kull komponent li jkun qed jiġi eżaminat. | (ii) ***Kull esperiment*** għandu ***jiġi stabbilit*** f'disinn statistiku validu, sabiex ikunu jistgħu jiġu evalwati l-karatteristiċi individwali ta' kull komponent li jkun qed jiġi eżaminat. |

**Emenda 99**

**Proposta għal regolament**
**Anness V – punt 1 – punt e – punt i**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (i) ***L-operatur professjonali għandu janalizza d-data mill-esperimenti*** bl-użu ta' metodi statistiċi rikonoxxuti internazzjonalment u ***għandu jippreżenta*** r-riżultati għal kull karatteristika eżaminata. | (i) ***Id-data mill-esperimenti għandha tiġi analizzata*** bl-użu ta' metodi statistiċi rikonoxxuti internazzjonalment u ***għandhom jiġu ppreżentati*** r-riżultati għal kull karatteristika eżaminata. |

**Emenda 100**

**Proposta għal regolament**
**Anness V – punt 2 – punt d – punt i**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (i) Is-superjorità stmata tal-FRM għandha tiġi kkalkolata skont popolazzjoni ta' referenza għal karatteristika jew għal sett ta' karatteristiċi. ***L-operatur professjonali għandu jiddefinixxi l-popolazzjoni*** ta' referenza ***fil-programm tat-tnissil u jiddeskrivi din il-popolazzjoni ta' referenza*** fir-rapporti tat-testijiet. | (i) Is-superjorità stmata tal-FRM għandha tiġi kkalkolata skont popolazzjoni ta' referenza għal karatteristika jew għal sett ta' karatteristiċi. ***Il-popolazzjoni*** ta' referenza ***għandha tiġi definita u deskritta*** fir-rapporti tat-testijiet. |

**Emenda 101**

**Proposta għal regolament**
**Anness V – punt 3 – punt c – punt ii**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| ***(ii)*** ***L-operatur professjonali għandu jirrapporta*** jekk ikunx hemm xi karatteristika ta' importanza ekonomika jew ambjentali li turi riżultati ***ta' sinifikat inferjuri*** għall-istandards, u l-effetti tagħhom għandhom jiġu kkumpensati mill-karatteristiċi favorevoli. | (ii) ***Għandu jiġi rrapportat*** jekk ikunx hemm xi karatteristika ta' importanza ekonomika jew ambjentali li turi riżultati ***inferjuri b'mod sinifikattiv*** għall-istandards, u l-effetti tagħhom għandhom jiġu kkumpensati mill-karatteristiċi favorevoli. |

## NOTA SPJEGATTIVA

Il-materjal riproduttiv tal-foresti (FRM) sa issa kien irregolat mir-Regolamenti UE 2016/2031 u 2017/625 u mid-Direttiva 1999/105/KE.

B'din il-proposta, il-Kummissjoni tgħaqqad u taġġorna l-atti legali preċedenti taħt qafas legali uniku, filwaqt li tqis skoperti xjentifiċi u teknoloġiċi ġodda dwar l-FRM.

Ir-Rapporteur jaqbel b'mod ġenerali mal-proposta tal-Kummissjoni u jilqa' s-separazzjoni tal-materjal riproduttiv tal-pjanti u tal-foresti, li issa huma ttrattati f'żewġ regolamenti differenti.

Ir-Rapporteur japprezza l-istruttura tar-regolament peress li jtejjeb il-qafas attwali u l-implimentazzjoni tiegħu. Ir-Rapporteur jaqbel mad-derogi f'każ ta' diffikultajiet fil-provvista u għal skopijiet ta' riċerka. Dawn id-derogi jqisu l-kuntest kumpless tal-FRM u l-ġestjoni tal-foresti fl-Unjoni Ewropea billi jirrispettaw id-differenzi reġjonali u s-sħubijiet eżistenti bejn l-awtoritajiet lokali u l-istituti tar-riċerka. Madankollu, ir-Rapporteur jissottolinja li mhuwiex possibbli li jinġabru l-varjetajiet kollha ta' konservazzjoni skont l-Artikolu 6, minħabba l-kumplessità tal-materjal tal-foresti meta mqabbel mal-materjali riproduttivi tal-pjanti (PRM).

Fir-rigward tat-tikkettar regolat skont l-Artikolu 16, l-approċċ, ir-relazzjoni u l-awtorizzazzjoni bejn l-awtorità kompetenti u l-operatur finali huma mtejba b'din il-proposta. Ir-Rapporteur jissuġġerixxi li jissaħħaħ ir-rwol tal-awtorità kompetenti u jipproponi struttura ġdida għall-proċedura ta' awtorizzazzjoni fir-rigward tat-tikkettar, b'referenza għar-Regolament 2016/2031 attwali.

Fir-rigward tar-rwol tal-awtorità kompetenti skont l-Artikolu 19, ir-Rapporteur jissuġġerixxi li għalkemm deroga għandha tiġi nnotifikata lill-Kummissjoni, din m'għandhiex tkun soġġetta għall-approvazzjoni tagħha.

Ir-Rapporteur huwa fiduċjuż li b'din il-proposta u l-emendi ssuġġeriti għaliha, nistgħu niksbu l-għan li jkollna regolament uniku dwar l-FRM li jtejjeb is-sitwazzjoni għall-produtturi, il-maniġers tal-foresti, l-operaturi tas-suq, ir-riċerkaturi u l-awtoritajiet kompetenti.

## ANNESS: ENTITAJIET JEW PERSUNI LI R-RAPPORTEUR IRĊIEVA KONTRIBUT MINGĦANDHOM

F'konformità mal-Artikolu 8 tal-Anness I tar-Regoli ta' Proċedura, ir-rapporteur jiddikjara li rċieva kontribut mill-entitajiet jew il-persuni li ġejjin fit-tħejjija tar-rapport, sal-adozzjoni tiegħu fil-kumitat:

| **Entità u/jew persuna** |
|---|
| IFOAM Organics Europe |
| Bayerische Pflanzenzucht- und Saatbauverbände |
| COCERAL |
| KWS SAAT SE & Co. KGaA |
| Euroseeds |
| CropLife Europe |
| ARCHE NOAH, Gesellschaft für die Erhaltung der Kulturpflanzenvielfalt und ihre Entwicklung |
| Copa & Cogeca |
| Eustafor |

12.3.2024

## OPINJONI TAL-KUMITAT GĦALL-AMBJENT, IS-SAĦĦA PUBBLIKA U S-SIKUREZZA TAL-IKEL

għall-Kumitat għall-Agrikoltura u l-Iżvilupp Rurali

Proposta għal regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar il-produzzjoni u l-kummerċjalizzazzjoni tal-materjal riproduttiv tal-foresti, li jemenda r-Regolamenti (UE) 2016/2031 u 2017/625 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill u li jħassar id-Direttiva tal-Kunsill 1999/105/KE (ir-Regolament dwar il-materjal riproduttiv tal-foresti)
(COM(2023)0415 – C9-0237/2023 – 2023/0228(COD))

Rapporteur għal opinjoni: Christophe Clergeau

## ĠUSTIFIKAZZJONI QASIRA

Il-materjal riproduttiv tal-foresti (FRM) huwa riżorsa vitali għas-sostenibbiltà tal-foresti Ewropej li jkopru aktar minn 43 % tat-territorju tagħna. Fid-dawl tal-karatteristiċi partikolari tal-ġestjoni tal-foresti, huwa kompletament iġġustifikat li l-FRM jibbenefika minn regolament separat fir-rigward tal-materjal riproduttiv tal-pjanti fil-qasam agrikolu.

Il-foresti jbatu ħafna minħabba fit-tibdil fil-klima, bil-mewġiet tas-sħana rikorrenti, nixfiet, nirien, maltempati, mard u tifqigħat ta' pesti jkollhom impatt dirett fuq il-popolamenti tal-foresti. Il-possibbiltà li jiġi mobilizzat FRM differenti l-aktar adattat għat-territorji tagħhom filwaqt li jibbenefikaw mill-kapaċità li għandhom biex jadattaw għat-tibdil fil-klima permezz tal-livell għoli ta' diversità ġenetika intraspeċifika tagħhom hija fost l-istrumenti importanti biex jiġu indirizzati avvenimenti estremi. Filwaqt li l-iskambji bejn reġjuni ta' provenjenza differenti jistgħu jkunu ta' interess, b'mod partikolari biex tiżdied id-diversità, l-ewwel għandu jiġi sfruttat il-potenzjal ġenetiku tal-ispeċi fir-reġjun ikkonċernat sabiex ir-riskju ta' adattament ħażin jiġi limitat.

Il-prinċipju ewlieni ta' dan ir-regolament huwa li kull Stat Membru jistabbilixxi strateġija biex jiżgura li ma jispiċċax mingħajr stokk fir-rigward tal-FRM. Madankollu, ir-rapporteur iqis li, sabiex jiġi evitat l-użu ħażin tal-miżuri ta' deroga, l-aħjar mod biex issir tħejjija għall-indirizzar tal-kriżijiet li saru rikorrenti huwa li jiġu stabbiliti miżuri preventivi biex tiżdied ir-reżiljenza tal-infrastruttura tal-ħżin taż-żrieragħ (il-koni, l-infrutexxenzi, il-frott u ż-żrieragħ) u l-imxietel.

Ir-rapporteur jipproponi wkoll li jittejbu l-kriterji ta' sostenibbiltà għall-għażla billi jiġi ċċarat li l-potenzjal għall-adattament jiddependi primarjament fuq id-diversità ġenetika fi ħdan l-ispeċi tas-siġra kkonċernata. Huwa importanti wkoll li wieħed jiftakar li minħabba l-livell għoli ta' inċertezza dwar ix-xenarji tat-tisħin globali, it-tħawwil ta' speċi differenti se jkollu riskju

ta' adattament ħażin għat-tibdil fil-klima aktar baxx.

Ir-rapporteur jipproponi wkoll li d-definizzjoni ta' FRM tiġi estiża għall-partijiet tal-pjanti, il-brokkijiet tat-taħwil u l-istokk, li tinħoloq definizzjoni għall-agroforestrija u li jiżdied l-għadd ta' speċijiet fl-Anness 1.

## EMENDI

Il-Kumitat għall-Ambjent, is-Saħħa Pubblika u s-Sikurezza tal-Ikel jistieden lill-Kumitat għall-Agrikoltura u l-Iżvilupp Rurali, bħala l-kumitat responsabbli, biex jieħu inkunsiderazzjoni dan li ġej:

**Emenda 1**

**Proposta għal regolament**
**Premessa 4**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (4) L-għan tal-Iskema tal-OECD dwar iż-Żrieragħ u l-Pjanti tal-Foresti huwa li tħeġġeġ il-produzzjoni u l-użu taż-żrieragħ, tal-partijiet tal-pjanti u tal-pjanti li jkunu nġabru, ġew ipproċessati u kkummerċjalizzati b'mod li jiżgura kwalità u disponibbiltà għoljin tal-FRM. Minħabba t-tul taċ-ċikli tal-foresti u l-kost tal-pjantaġġuni u tal-investiment fil-foresti fit-tul, huwa essenzjali li l-forestiera jiksbu informazzjoni affidabbli bis-sħiħ dwar l-oriġini u dwar il-karatteristiċi ġenetiċi tal-FRM li jużaw fit-tħawwil. L-Iskema tal-OECD dwar iż-Żrieragħ u l-Pjanti tal-Foresti tissodisfa dik il-ħtieġa permezz ta' ċertifikazzjoni u traċċabilità. Taqdi rwol ewlieni fl-għajnuna lill-foresti tad-dinja sabiex jadattaw għall-kundizzjonijiet klimatiċi li qegħdin jinbidlu. Tinxteħet enfasi fuq il-preservazzjoni tad-diversità tal-ispeċijiet u fuq l-iżgurar ta' diversità ġenetika għolja fi ħdan l-ispeċijiet u l-lottijiet taż-żrieragħ u b'hekk jissaħħaħ il-potenzjal adattiv tal-FRM għat-tħawwil mill-ġdid fil-ġejjieni ta' żona b'siġar ("riforestazzjoni") u għall-ħolqien ta' foresti ġodda ("tisġir"). Ir-riforestazzjoni | (4) L-għan tal-Iskema tal-OECD dwar iż-Żrieragħ u l-Pjanti tal-Foresti huwa li tħeġġeġ il-produzzjoni u l-użu taż-żrieragħ, tal-partijiet tal-pjanti u tal-pjanti li jkunu nġabru, ġew ipproċessati u kkummerċjalizzati b'mod li jiżgura kwalità u disponibbiltà għoljin tal-FRM. Minħabba t-tul taċ-ċikli tal-foresti u l-kost tal-pjantaġġuni u tal-investiment fil-foresti fit-tul, huwa essenzjali li l-forestiera jiksbu informazzjoni affidabbli bis-sħiħ dwar l-oriġini u dwar il-karatteristiċi ġenetiċi tal-FRM li jużaw fit-tħawwil. L-Iskema tal-OECD dwar iż-Żrieragħ u l-Pjanti tal-Foresti tissodisfa dik il-ħtieġa permezz ta' ċertifikazzjoni u traċċabilità. Taqdi rwol ewlieni fl-għajnuna lill-foresti tad-dinja sabiex jadattaw għall-kundizzjonijiet klimatiċi li qegħdin jinbidlu. Tinxteħet enfasi fuq il-preservazzjoni tad-diversità tal-ispeċijiet u fuq l-iżgurar ta' diversità ġenetika għolja fi ħdan l-ispeċijiet u l-lottijiet taż-żrieragħ u b'hekk jissaħħaħ il-potenzjal adattiv tal-FRM għat-tħawwil mill-ġdid fil-ġejjieni ta' żona b'siġar ("riforestazzjoni") u għall-ħolqien ta' foresti ġodda ("tisġir"). Ir-riforestazzjoni |

| | |
|---|---|
| tista' tkun meħtieġa meta partijiet minn foresta eżistenti jkunu ġew affettwati minn avvenimenti tat-temp estrem, minn nirien mhux ikkontrollati, minn tifqigħat ta' mard u minn tifqigħat ta' pesti, jew minn diżastri oħrajn. | tista' tkun meħtieġa meta partijiet minn foresta eżistenti jkunu ġew affettwati minn avvenimenti tat-temp estrem, minn nirien mhux ikkontrollati, minn tifqigħat ta' mard u minn tifqigħat ta' pesti, jew minn diżastri oħrajn***, kif ukoll meta metodi ta' ġestjoni mhux sostenibbli tal-foresti bbażati fuq it-tqaċċit totali tas-siġar ikunu għadhom prevalenti***. |

**Emenda 2**

**Proposta għal regolament**
**Premessa 6**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (6) Ir-Regolament (UE) 2021/1119 jirrikjedi li l-istituzzjonijiet rilevanti tal-Unjoni u l-Istati Membri jiżguraw progress kontinwu fit-tisħiħ tal-kapaċità adattiva, fit-tisħiħ tar-reżiljenza u fit-tnaqqis tal-vulnerabbiltà għat-tibdil fil-klima. Għalhekk, wieħed mill-għanijiet tal-Istrateġija l-ġdida tal-UE dwar l-Adattament għat-Tibdil fil-Klima huwa li titħaffef il-kapaċità ta' adattament tal-Unjoni għat-tibdil fil-klima, billi jiġu emendati r-regoli dwar l-FRM, fost l-oħrajn. Jenħtieġ li l-leġiżlazzjoni tal-Unjoni tħeġġeġ il-produzzjoni u l-kummerċjalizzazzjoni tal-FRM madwar l-Unjoni kollha. ***Għal dan l-għan, il-possibbiltà għall-Istati Membri li jirrestrinġu l-approvazzjoni ta' ċertu materjal bażiku u li jipprojbixxu l-kummerċjalizzazzjoni ta' ċertu FRM lill-utenti finali, kif stabbilit fid-Direttiva 1999/105/KE, jenħtieġ li titneħħa.*** | (6) Ir-Regolament (UE) 2021/1119 jirrikjedi li l-istituzzjonijiet rilevanti tal-Unjoni u l-Istati Membri jiżguraw progress kontinwu fit-tisħiħ tal-kapaċità adattiva, fit-tisħiħ tar-reżiljenza u fit-tnaqqis tal-vulnerabbiltà għat-tibdil fil-klima. Għalhekk, wieħed mill-għanijiet tal-Istrateġija l-ġdida tal-UE dwar l-Adattament għat-Tibdil fil-Klima huwa li titħaffef il-kapaċità ta' adattament tal-Unjoni għat-tibdil fil-klima, billi jiġu emendati r-regoli dwar l-FRM, fost l-oħrajn. Jenħtieġ li l-leġiżlazzjoni tal-Unjoni tħeġġeġ il-produzzjoni u l-kummerċjalizzazzjoni tal-FRM madwar l-Unjoni kollha. |

**Emenda 3**

**Proposta għal regolament**
**Premessa 7**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|

| | |
|---|---|
| (7) L-Istrateġija l-ġdida tal-UE għall-Foresti għall-2030 għandha bħala l-objettivi ewlenin tagħha t-tisġir effettiv, u l-preservazzjoni u r-restawr tal-foresti fl-Unjoni, sabiex tgħin fiż-żieda tal-assorbiment tas-$CO_2$, tnaqqas l-inċidenza u l-firxa tan-nirien fil-foresti, u tippromwovi l-bijoekonomija, b'rispett sħiħ tal-prinċipji ekoloġiċi favorevoli għall-bijodiversità. L-iżgurar tar-restawr tal-foresti u l-ġestjoni sostenibbli msaħħa tal-foresti huma essenzjali għall-adattament għat-tibdil fil-klima u għar-reżiljenza tal-foresti. F'dan ir-rigward, l-Istrateġija l-ġdida tal-UE għall-Foresti tiddikjara li l-adattament tal-foresti għat-tibdil fil-klima u r-restawr tal-foresti wara d-danni klimatiċi se jkunu jeħtieġu kwantitajiet kbar ta' FRM xieraq. Dan jimplika sforzi sabiex jiġu żgurati u jintużaw b'mod sostenibbli r-riżorsi ġenetiċi tal-foresti li fuqhom tiddependi forestrija aktar reżistenti għall-klima. Huma meħtieġa wkoll sforzi sabiex jiżdiedu l-produzzjoni u d-disponibbiltà ta' tali FRM, sabiex tiġi pprovduta informazzjoni aħjar dwar l-adegwatezza tiegħu għall-kundizzjonijiet klimatiċi u ekoloġiċi u sabiex jissaħħu l-produzzjoni kollaborattiva u t-trasferiment tiegħu bejn il-fruntieri nazzjonali fl-Unjoni. Għalhekk, jenħtieġ li l-operaturi professjonisti jkunu meħtieġa jipprovdu minn qabel informazzjoni lill-utenti dwar l-adegwatezza tal-FRM għall-kundizzjonijiet klimatiċi u ekoloġiċi. | (7) L-Istrateġija l-ġdida tal-UE għall-Foresti għall-2030 għandha bħala l-objettivi ewlenin tagħha t-tisġir effettiv, u l-preservazzjoni u r-restawr tal-foresti fl-Unjoni, sabiex tgħin fiż-żieda tal-assorbiment tas-$CO_2$, tnaqqas l-inċidenza u l-firxa tan-nirien fil-foresti, u tippromwovi l-bijoekonomija, b'rispett sħiħ tal-prinċipji ekoloġiċi favorevoli għall-bijodiversità. L-iżgurar tar-restawr tal-foresti u l-ġestjoni sostenibbli msaħħa tal-foresti huma essenzjali għall-adattament għat-tibdil fil-klima u għar-reżiljenza tal-foresti. F'dan ir-rigward, l-Istrateġija l-ġdida tal-UE għall-Foresti tiddikjara li ***minbarra l-prattiki ta' restawr adattiv u ta' ġestjoni bbażati fuq l-ekosistemi tal-foresti,*** l-adattament tal-foresti għat-tibdil fil-klima u r-restawr tal-foresti wara d-danni klimatiċi se jkunu jeħtieġu ***wkoll*** kwantitajiet kbar ta' FRM xieraq. Dan jimplika sforzi sabiex jiġu żgurati u jintużaw b'mod sostenibbli r-riżorsi ġenetiċi tal-foresti li fuqhom tiddependi forestrija aktar reżistenti għall-klima. Huma meħtieġa wkoll sforzi sabiex jiżdiedu l-produzzjoni u d-disponibbiltà ta' tali FRM, sabiex tiġi pprovduta informazzjoni aħjar dwar l-adegwatezza tiegħu għall-kundizzjonijiet klimatiċi u ekoloġiċi u sabiex jissaħħu l-produzzjoni kollaborattiva u t-trasferiment tiegħu bejn il-fruntieri nazzjonali fl-Unjoni. Għalhekk, jenħtieġ li l-operaturi professjonisti jkunu meħtieġa jipprovdu minn qabel informazzjoni lill-utenti dwar l-adegwatezza tal-FRM għall-kundizzjonijiet klimatiċi u ekoloġiċi. |

**Emenda 4**

**Proposta għal regolament**
**Premessa 8**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (8) L-Istrateġija tal-UE għall-Bijodiversità għall-2030 għandha l-għan li tqiegħed il-bijodiversità tal-Unjoni fit-triq | (8) L-Istrateġija tal-UE għall-Bijodiversità għall-2030 għandha l-għan li tqiegħed il-bijodiversità tal-Unjoni fit-triq |

| | |
|---|---|
| lejn l-irkupru sal-2030. Fil-qafas ta’ dik l-istrateġija, il-leġiżlazzjoni tal-Unjoni għandha tagħmel enfasi fuq il-preservazzjoni tad-diversità tal-ispeċijiet u tiżgura diversità ġenetika għolja fi ħdan l-ispeċijiet u l-lottijiet taż-żrieragħ. Dan għandu l-għan li jiffaċilita l-provvista ta’ FRM ta’ kwalità għolja u ġenetikament divers li jkun adattat għall-kundizzjonijiet klimatiċi attwali u dawk imbassrin għall-ġejjieni. Il-konservazzjoni u t-titjib tal-bijodiversità tal-foresti, inkluża d-diversità ġenetika tas-siġar, huma essenzjali għall-ġestjoni sostenibbli tal-foresti u għas-sostenn tal-adattament tal-foresti għat-tibdil fil-klima. L-ispeċijiet tas-siġar u l-ibridi artifiċjali skont dan ir-Regolament jenħtieġ li jkunu ġenetikament adattati għall-kundizzjonijiet lokali u jkunu ta’ kwalità għolja. | lejn l-irkupru sal-2030. Fil-qafas ta’ dik l-istrateġija, il-leġiżlazzjoni tal-Unjoni għandha tagħmel enfasi fuq il-preservazzjoni tad-diversità tal-ispeċijiet u tiżgura diversità ġenetika għolja fi ħdan l-ispeċijiet u l-lottijiet taż-żrieragħ. Dan għandu l-għan li jiffaċilita l-provvista ta’ FRM ta’ kwalità għolja u ġenetikament divers li jkun adattat għall-kundizzjonijiet klimatiċi attwali u dawk imbassrin għall-ġejjieni. Il-konservazzjoni u t-titjib tal-bijodiversità tal-foresti, inkluża d-diversità ġenetika tas-siġar, huma essenzjali għall-ġestjoni sostenibbli tal-foresti u għas-sostenn tal-adattament tal-foresti għat-tibdil fil-klima. ***Għall-kuntrarju, għażla mhux xierqa tal-kompożizzjoni tal-ispeċijiet tal-foresti tista’ tikkawża jew taċċellera d-diżastri tal-foresti, u b’hekk il-foresti li jaġixxu bħala bjar tal-karbonju, jekk jiġu ġestiti kif xieraq, jispiċċaw isiru sors ta’ emissjonijiet addizzjonali tas-*** $CO_2$***.*** L-ispeċijiet tas-siġar u l-ibridi artifiċjali skont dan ir-Regolament jenħtieġ li jkunu ġenetikament adattati għall-kundizzjonijiet lokali***, b’kunsiderazzjoni sħiħa tal-bidliet klimatiċi li seħħew diġà,*** u jkunu ta’ kwalità għolja. |

**Emenda 5**

**Proposta għal regolament**
**Premessa 15**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (15) L-għan ta’ dan ir-Regolament huwa li jiżgura l-produzzjoni u l-kummerċjalizzazzjoni ta’ FRM ta’ kwalità għolja. Sabiex jgħinu fil-ħolqien ta’ foresti reżiljenti u ***fir-restawr*** tal-ekosistemi tal-foresti, jenħtieġ li l-utenti jiġu informati qabel ix-xiri tal-FRM dwar l-adegwatezza ta’ dak l-FRM għall-kundizzjonijiet klimatiċi u ekoloġiċi taż-żona fejn se jintuża. | (15) L-għan ta’ dan ir-Regolament huwa li jiżgura l-produzzjoni u l-kummerċjalizzazzjoni ta’ FRM ta’ kwalità għolja. Sabiex jgħinu fil-ħolqien ta’ foresti reżiljenti u ***produttivi u jżidu l-funzjonament*** tal-ekosistemi tal-foresti, jenħtieġ li l-utenti jiġu informati qabel ix-xiri tal-FRM dwar l-adegwatezza ta’ dak l-FRM għall-kundizzjonijiet klimatiċi u ekoloġiċi taż-żona fejn se jintuża. |

**Emenda 6**

**Proposta għal regolament**
**Premessa 26**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
